Nru./No. 20,485
Prezz/Price
€5.04

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, 2020
Friday, 18th September, 2020

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8381 - 8398
Government Notices ..... *8381 - 8398*

Avviż tal-Pulizija ..... 8398 - 8399
Police Notice ..... *8398 - 8399*

Avviż lill-Baħħara ..... 8399 - 8403
Notice to Mariners ..... *8399 - 8403*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 8404 - 8440
Employment Opportunities ..... *8404 - 8440*

Avviżi tal-Gvern ..... 8440 - 8463
Notices ..... *8440 - 8463*

Offerti ..... 8463 - 8474
Tenders ..... *8463 - 8474*

Avviżi tal-Qorti ..... 8474 - 8488
Court Notices ..... *8474 - 8488*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1073

TRIBUNAL TAL-APPELLI GĦALL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Att dwar ir-Rifuġati (Kap. 420), l-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta approva li t-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali jkun kostitwit kif ġej sas-27 ta' Awwissu, 2023:

Chairperson
Dott. Claudio Zammit, BA, LLD, M. Jur (Eu. Law)

Membri
Dott. Chris Soler, BA (Melit.), LLD (Melit.), Adv. Trib. Eccles. Melit., MA (Sussex), LLM (Sussex)
Dott. Amanda Spiteri Grech, BA, LLD, LLB Theology & Law Public Not.
Is-Sur Christian Camilleri, BEd. (Hons) PSD

Segretarju
Is-Sur Charles Cassar, Dip. Lab Stud., MBA(Exec), Cert. Mediator(UK)

It-18 ta' Settembru, 2020

Nru. 1074

REGOLAMENTI TAL-MAJJISTRAL, PARK TA' NATURA U STORJA (L.S. 549.48)

Regolamenti li jistabbilixxu l-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (L.S. 549.48)

Ħatra tal-Bord tal-Immaniġġjar tal-Majjistral, Park ta' Natura u Storja

BIS-SAĦĦA tar-regolament 9 tar-Regolamenti li jistabbilixxu l-Majjistral, Park ta' Natura u Storja (L.S. 549.48), il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar approva l-ħatra tal-persuni li ġejjin sabiex iservu fuq il-Bord tal-Immaniġġjar tal-Majjistral, Park ta' Natura u Storja.

Chairperson
Is-Sur Saviour Vella

Membri
Is-Sur John Buttigieg
Is-Sa Luanne Galea
Is-Sur Jurgen Gatt
Is-Sur Martin Galea
Dott. Rudolf Ragonesi
Is-Sur Jacques Azzopardi

GOVERNMENT NOTICES

No. 1073

INTERNATIONAL PROTECTION APPEALS TRIBUNAL

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by the Refugee Act (Cap. 420), his Excellency the President of Malta has approved that the International Protection Appeals Tribunal be constituted as follows up to the 27th August, 2023:

Chairperson
Dr Claudio Zammit, BA, LLD, M. Jur (Eu. Law)

Members
Dr Chris Soler, BA (Melit.), LLD (Melit.), Adv. Trib. Eccles. Melit., MA (Sussex), LLM (Sussex)
Dr Amanda Spiteri Grech, BA, LLD, LLB Theology & Law Public Not.
Mr Christian Camilleri, BEd. (Hons) PSD

Secretary
Mr Charles Cassar, Dip. Lab Stud., MBA(Exec), Cert. Mediator(UK)

18th September, 2020

No. 1074

MAJJISTRAL, NATURE AND HISTORY PARK REGULATIONS (S.L. 549.48)

Establishment of the Majjistral, Nature and History Park Regulations (S.L. 549.48)

Appointment of the Majjistral, Nature and History Park Management Board

IN terms of regulation 9 of the Establishment of the Majjistral, Nature and History Park Regulations (S.L. 549.48), the Minister for the Environment, Climate Change and Planning has approved the appointment of the following persons to serve on the Majjistral, Nature and History Park Management Board.

Chairperson
Mr Saviour Vella

Members
Mr John Buttigieg
Ms Luanne Galea
Mr Jurgen Gatt
Mr Martin Galea
Dr Rudolf Ragonesi
Mr Jacques Azzopardi

Il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar approva wkoll il-ħatra tas-Sur Darren Saliba bħala s-Segretarju tal-Bord imsemmi.

Il-ħatriet kollha jidħlu fis-seħħ mill-15 ta' Settembru, 2020, għal perjodu ta' ħames (5) snin.

It-18 ta' Settembru, 2020

Nru. 1075

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP
(KAP. 552)

Il-Kumitat tal-Utenti tal-Awtorità tal-Ippjanar

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 61(1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar approva l-ħatra tal-persuni li ġejjin sabiex iservu fuq il-Kumitat tal-Utenti tal-Awtorità tal-Ippjanar għal perjodu ta' sentejn (2) b'seħħ mill-15 ta' Settembru, 2020.

Chairperson
Dott. Edward Woods

Membri
Is-Sa Marie Barbara
Is-Sa Astrid Vella
Il-Perit Martin Debono
Is-Sur Mario Fava
Is-Sur Christian Vassallo
Is-Sur Sandro Chetcuti
Il-Perit Simone Vella Lenicker
Is-Sur David Mifsud
Is-Sur David Xuereb

Segretarja
Is-Sa Doris Farrugia

It-18 ta' Settembru, 2020

Nru. 1076

ATT DWAR IL-PROFESSJONI TAL-INĠINERIJA
(KAP. 321)

Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija

NGĦARRFU b'din illi l-persuni li ġejjin ġew eletti minn fost id-detenturi ta' warrant sabiex iservu bħala membri fuq il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2020, skont l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321).

Inġ. Fabio Stivala, B.Eng (Hons.), Eur Ing, MIFireE

The Minister for the Environment, Climate Change and Planning has also approved the appointment of Mr Darren Saliba as Secretary to the said Board.

All appointments are effective from the 15th September, 2020, for a period of five (5) years.

18th September, 2020

No. 1075

DEVELOPMENT PLANNING ACT
(CAP. 552)

Users' Committee of the Planning Authority

IN terms of Article 61(1) of the Development Planning Act, the Minister for the Environment, Climate Change and Planning has approved the appointment of the following persons to serve on the Users' Committee of the Planning Authority for a period of two (2) years effective from the 15th September, 2020.

Chairperson
Dr Edward Woods

Members
Ms Marie Barbara
Ms Astrid Vella
Perit Martin Debono
Mr Mario Fava
Mr Christian Vassallo
Mr Sandro Chetcuti
Perit Simone Vella Lenicker
Mr David Mifsud
Mr David Xuereb

Secretary
Ms Doris Farrugia

18th September, 2020

No. 1076

ENGINEERING PROFESSION ACT
(CAP. 321)

Engineering Profession Board

IT is hereby notified that the following persons have been elected from among warrant holders to serve as members on the Engineering Profession Board for a period of two years with effect from 1st September, 2020, in terms of Article 6 of the Engineering Profession Act (Cap. 321).

Ing. Fabio Stivala, B.Eng (Hons.), Eur Ing, MIFireE

Dr Inġ. Brian Micallef, Ph.D.(Melit.), B.Eng.(Hons.) (Melit.), M.I.E.E.E, M.I.E.T.

Inġ. Samuel Bonanno, B.Eng. (Hons)(Melit.), M.Sc. (Melit.) (by Research)

It-18 ta' Settembru, 2020

Nru. 1077

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija ta' Formazzjoni ta' Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf bl-intenzjoni tagħha li tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Sant'Anna, Il-Qrendi (indikata fuq il-pjanta f'paġna 8484).

Triq Santa Margerita, Bormla (indikata fuq il-pjanta f'paġna 8485).

Vjal il-25 ta' Novembru, Iż-Żejtun (indikat fuq il-pjanta). (indikata fuq il-pjanta f'paġna 8486).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mit-18 ta' Settembru, 2020, sal-31 ta' Marzu, 2021, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Sant'Anna, Il-Qrendi, minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mit-18 ta' Settembru, 2020, sal-31 ta' Marzu, 2021, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Santa Margerita, Bormla, minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mit-18 ta' Settembru, 2020, sal-31 ta' Marzu, 2021, ħadd ma jista' jipparkja fi Vjal il-25 ta' Novembru, Iż-Żejtun, minħabba xogħlijiet fit-triq.

Ħadd ma jista' jipparkja vetturi f'dawn il-ġranet. Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Settembru, 2020

Dr Ing. Brian Micallef, Ph.D.(Melit.), B.Eng.(Hons.) (Melit.), M.I.E.E.E, M.I.E.T.

Ing. Samuel Bonanno, B.Eng. (Hons)(Melit.), M.Sc. (Melit.) (by Research)

18th September, 2020

No. 1077

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Sant'Anna, Qrendi (indicated on the site plan on page 8484).

Triq Santa Margerita, Bormla (indicated on the site plan on page 8485).

Vjal il-25 ta' Novembru, Żejtun (indikat fuq il-pjanta). (indicated on the site plan on page 8486).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 18th September, 2020, to 31st March, 2021, no parking will be permitted in Triq Sant'Anna, Qrendi, due to road works.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 18th September, 2020, to 31st March, 2021, no parking will be permitted in Triq Santa Margerita, Bormla, due to road works.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 18th September, 2020, to 31st March, 2021, no parking will be permitted in Vjal il-25 ta' Novembru, Żejtun, due to road works

Parking of vehicles is not allowed during these days. Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

18th September, 2020



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi


COMPUTER PATH: N:\ Design\Common Area\Traffic Management\2019\Qrendi

UNIT NAME:	REGIONS
HEAD OF UNIT:	D.Vassallo
PROJECT LEADER:	-
DRAWN BY:	L.B.

DRAWING TITLE: QRENDI
TRIQ SANT'ANNA
(Extents of works AREN'T binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
14th Febr. 2019	-	RD/56/19

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1 : 2500	A	1 of 1




INFRASTRUCTURE MALTA

UNIT NAME:	REGIONS
HEAD OF UNIT:	D.VASSALLO
PROJECT LEADER:	-
DRAWN BY:	A.S.
CHIEF EXECUTIVE OFFICER:	Ing. Fredrick Azzopardi
DRAWING TITLE:	BORMLA TRIQ SANTA MARGERITA (Extents of Works are not binding but indicative)
DATE:	FEBRUARY 2019
FILE NO:	-
DRAWING NO:	RD133/19
SHEET SIZE:	A4
SCALE:	1:5000
REVISION:	A
PAGE NO:	3

Revision | Alterations | Drawn | Checked | Approved | Date

N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Bormla.dwg



INFRASTRUCTURE MALTA

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: IZ-ZEJTUN VJAL 25 TA' NOVEMBRU SITE PLAN (Extents of works AREN't binding but indicative)
HEAD OF UNIT: L.D.	
PROJECT LEADER: -	DATE: SEP 2020 / FILE NO: - / DRAWING NO: IM162/20
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1 : 5000 / REVISION: A / PAGE NO: 15

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi

S:\Traffic Management\2020\Zejtun\2020 Zejtun.dwg

Nru. 1078

IL-MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

Skema ta' Appoġġ għal Proġetti ta' Riċerka u Innovazzjoni fl-Oqsma tal-Enerġija u l-Ilma

SABIEX tiġi implimentata l-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma (2021-2030), li ġiet imnedija uffiċjalment fis-17 ta' Ġunju 2020, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma żviluppat din l-Iskema li bis-saħħa tagħha se tingħata għajnuna għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) fl-oqsma tal-enerġija u tal-ilma, skont dak li qed tiffoka fuqu s-Sejħa għall-Proposti tal-2020.

Applikazzjonijiet għal din l-iskema jintlaqgħu mit-18 ta' Settembru, 2020, sat-30 ta' Ottubru, 2020. Applikazzjonijiet imdaħħla wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

SKEMA

1. Interpretazzjoni

"Applikant" tfisser kull persuna eliġibbli għal parteċipazzjoni fi Proġett skont ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni u li tapplika għal finanzjament taħt din l-iskema ta' appoġġ. Dan jista' jirreferi għal entità individwali jew għal konsorzju.

"Applikant li ma Rnexxiex" tfisser Applikant li l-applikazzjoni tiegħu naqset milli tgħaddi minn wieħed jew aktar mit-tliet stadji tal-proċedura ta' evalwazzjoni u li għalekk il-Proġett tiegħu mhuwiex eliġibbli biex jirċievi appoġġ taħt din l-Iskema.

"Applikant li Rnexxa" tfisser Applikant li l-applikazzjoni tiegħu għaddiet mit-tliet stadji tal-proċedura ta' evalwazzjoni u b'hekk il-Proġett tiegħu jista' jirċievi appoġġ taħt din l-Iskema. Jekk issirx offerta ta' appoġġ jiddependi fuq il-klassifikazzjoni li jikseb l-Applikant li rnexxa u d-disponibbiltà ta' fondi taħt din l-Iskema.

"Awtorità Responsabbli" tirreferi għall-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma, iżda xi kompiti jistgħu jiġu mgħoddija lil partijiet terzi kif ikkuntrattati, maħtura jew delegati mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma.

"Benefiċjarju tal-Proġett" (il-Benefiċjarju) tfisser Applikant li Rnexxa, li aċċetta l-offerta ta' appoġġ għal Proġett taħt is-Sejħa għall-Proposti tal-2020 u ffirma l-*Grant Agreement*. Dan jista' jkun entità individwali jew Konsorzju.

"*Grant Agreement*" tfisser il-ftehim bejn l-Awtorità

No. 1078

THE MINISTRY FOR ENERGY AND WATER MANAGEMENT

Support Scheme for Research and Innovation Projects in the Fields of Energy and Water

IN ORDER to implement the National Strategy for Research and Innovation in Energy and Water (2021-2030), officially launched on 17th June 2020, the Energy and Water Agency within the Ministry for Energy and Water Management has developed this Scheme by virtue of which financial assistance will be provided for research and innovation (R&I) projects in the field of energy and water, in line with the focus of the 2020 Call for Proposals. priority

Applications to this scheme will be received between 18th September, 2020, to the 30th October, 2020. Late submissions will not be considered.

SCHEME

1. Interpretation

"Applicant" means anyone eligible for participation in a Project in terms of the Rules for Participation and who consequently applies for funding under this support scheme. This may refer to an individual entity or a consortium.

"Unsuccessful Applicant" means an Applicant whose application failed to pass one or more of the three stages of the evaluation procedure and whose Project is thus not eligible to receive support under this Scheme.

"Successful Applicant" means an Applicant whose application has passed all three stages of the evaluation procedure and thus whose Project may receive support under this Scheme. An offer of support shall be contingent on the Successful Applicant's ranking and the availability of funds under this Scheme.

"Managing Authority" refers to the Energy and Water Agency, provided that some tasks may be conducted by third parties as contracted, appointed or delegated by the Energy and Water Agency.

"Project Beneficiary" (the Beneficiary) means a successful Applicant who accepted the offer of support for a Project under the 2020 Call for Proposals and has signed the Grant Agreement. This may constitute an individual entity or a Consortium.

"Grant agreement" means an agreement between the

Responsabbli u l-Benefiċjarju tal-Proġett li jistabbilixxi t-termini, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet applikabbli għal Għotja.

"Imsieħeb ewlieni" tfisser dak l-Imsieħeb tal-Konsorzju identifikat bħala l-imsieħeb responsabbli biex jiżgura l-eżekuzzjoni korretta ta' proġett li jingħata appoġġ taħt din is-Sejħa għall-Proposti tal-2020 li se jkollu responsabbiltajiet *in solidum* flimkien mal-imsieħba l-oħra tal-Proġett għall-obbligi kollha li joħorġu mill-*Grant Agreement*.

"Intensità tal-għajnuna" tfisser l-ammont tal-għajnuna gross espress bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli, qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew imposti oħra. L-għajnuna pagabbli f'għadd ta' pagamenti għandha tiġi skontata għall-valur tagħha fil-mument li tingħata l-għotja. Ir-rata tal-interessi li għandha tintuża għal finijiet ta' skont tkun ir-rata ta' skont applikabbli fil-mument li tingħata l-għotja. L-intensità tal-għajnuna tiġi kkalkulata għal kull benefiċjarju.

"Kollaborazzjoni effettiva" tfisser kollaborazzjoni bejn mill-inqas żewġ partijiet indipendenti għall-iskambju ta' għarfien jew teknoloġija, jew biex jintlaħaq għan komuni bbażat fuq id-diviżjoni tax-xogħol fejn il-partijiet konġuntament jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett kollaborattiv, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tiegħu u jaqsmu r-riskji, kif ukoll ir-riżultati tiegħu. Riċerka li ssir taħt kuntratt u l-proviżjoni ta' servizzi ta' riċerka mhumiex meqjusa forom ta' kollaborazzjoni.

"Konsorzju" tfisser grupp ta' żewġ entitajiet jew aktar li flimkien jipproponu proġett u jissottomettu applikazzjoni għall-finanzjament. Wieħed mill-imsieħba għandu jintgħażel bħala l-Imsieħeb Ewlieni.

"Kundizzjonijiet ta' distakkament" tfisser li l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni bejn il-partijiet kontraenti ma jvarjawx minn dawk li jiġu stipulati bejn intrapriżi indipendenti, u ma jkunx fihom element ta' kollużjoni. Kull tranżazzjoni li tirriżulta minn proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja hija kkunsidrata li tilħaq il-prinċipju ta' distakkament.

"Organizzazzjoni ta' riċerka u tixrid tal-għarfien" tfisser entità (bħal universitajiet jew istituti ta' riċerka, aġenziji tat-trasferiment tat-teknoloġija, intermedjarji ta' innovazzjoni, entitajiet kollaborattivi fiżiċi u/jew virtwali orjentati lejn ir-riċerka), ikun xi jkun l-istat legali tagħha (organizzata skont il-liġi pubblika jew privata) jew il-mod ta' finanzjament, li l-iskop ewlieni tagħha jkun li twettaq riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp sperimentali jew li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati ta' attivitajiet bħal dawn permezz tat-tagħlim, il-pubblikazzjoni jew it-trasferiment tal-għarfien. Meta din l-entità tiżvolġi wkoll attivitajiet ekonomiċi, il-finanzjament, l-ispejjeż u d-dħul ta' dawn l-attivitajiet ekonomiċi jridu jitqiesu b'mod separat. L-intrapriżi li jistgħu

Managing Authority and the Project Beneficiary that sets forth the terms, conditions and limitations applicable to a Grant.

"Lead partner" means the Consortium Partner identified as being the partner responsible to ensure the correct execution of project awarded support under this 2020 Call for Proposals who will have joint and several liabilities together with other Project Partners for all the obligations arising from the Grant Agreement.

"Aid intensity" means the gross aid amount expressed as a percentage of the eligible costs, before any deduction of tax or other charge. Aid payable in several instalments will be discounted to its value at the date of award. The interest rate to be used for this purpose is the discount rate applicable at the date of award. The aid intensity is calculated per beneficiary.

"Effective collaboration" means collaboration between at least two independent parties to exchange knowledge or technology, or to achieve a common objective based on the division of labour where the parties jointly define the scope of the collaborative project, contribute to its implementation and share its risks, as well as its results. Contract research and provision of research services are not considered forms of collaboration.

"Consortium" means a group of two or more entities who jointly propose a project and submit an application for funding. One of the partners would be designated as the Lead Partner.

"Arm's length conditions" means the conditions of the transaction between the contracting parties contain no element of collusion and do not differ from those which would be stipulated between independent enterprises. Any transaction that results from an open, transparent and non-discriminatory procedure is considered as meeting the arm's length principle.

"Research and knowledge-dissemination organisation" means an entity (such as universities or research institutes, technology transfer agencies, innovation intermediaries, research-oriented physical or virtual collaborative entities), irrespective of its legal status (organised under public or private law) or way of financing, whose primary goal is to independently conduct fundamental research, industrial research or experimental development or to widely disseminate the results of such activities by way of teaching, publication or knowledge transfer. Where such entity also pursues economic activities, the financing, the costs and the revenues of those economic activities must be accounted for separately. Undertakings that can exert a decisive

jeżerċitaw influwenza fuq entità bħal din, pereżempju fil-kapaċità tagħhom bħala azzjonisti jew membri, jaf ma jgawdu l-ebda aċċess preferenzjali għar-riżultati ġġenerati minnha.

"Perjodu tal-proġett" tfisser il-perjodu ta'eżekuzzjoni tal-proġett, li huwa definit bħala in-numru ta' jiem bejn id-data tal-bidu tal-proġett u d-data tat-tmiem tal-proġett, hekk kif stipulat fil-*Grant Agreement*.

"Proġett" operazzjoni li tinkludi attivitajiet li jkopru kategorija waħda jew diversi kategoriji ta' riċerka u żvilupp hekk kif imfissra fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni, u li hija maħsuba biex twettaq kompitu indiviżibbli ta' natura ekonomika, xjentifika jew teknika preċiża b'għanijiet li jkuni definiti b'mod ċar minn qabel. Proġett jista' jikkonsisti f'pakketti diversi ta' xogħol, attivitajiet jew servizzi, u għandu jinkludi għanijiet ċari, u dawk l-attivitajiet li għandhom jitwettqu biex jinkisbu dawk l-għanijiet (inklużi l-ispejjeż mistennija marbutin magħhom), kif ukoll prodotti finali konkreti li jidentifikaw r-riżultati li joħorġu minn dawk l-attivitajiet u li jqabbluhom ma' objettivi rilevanti. Meta żewġ proġetti jew aktar ma jistgħux jiġu mifruda b'mod ċar minn xulxin u b'mod partikolari meta mill-lat teknoloġiku m'għandhomx probabbiltajiet indipendenti ta' suċċess, dawn jiġu kkunsidrati bħala proġett wieħed.

"Regoli għall-Parteċipazzjoni" (ir-Regoli) tfisser id-dokument ippubblikat mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma li jiġbor fih il-linji gwida u s-sett sħiħ ta' regoli, regolamenti u kundizzjonijiet applikabbli b'rabta mas-Sejħa għall-Proposti għall-Proġetti ta' R&I tal-2020 fl-oqsma tal-Enerġija u tal-Ilma. Kopja tista' tintalab billi tintbagħat ittra elettronika lil (rni-supportscheme@gov.mt). B'mod alternattiv, id-dokument se jkun disponibbli fuq is-sit tal-Awtorità Responsabbli (https://www.energywateragency.gov.mt/research-and-innovation/).

"Riċerka bażika orjentata" tfisser xogħol imwettaq bl-aspettattiva li se jipproduċi bażi wiesgħa ta' għarfien li huwa probabbli li jista' jifforma l-pedament ta' soluzzjonijiet għal problemi kemm jekk dawn huma diġà rikonoxxuti jew jekk huma mistennijja li jeżistu kemm bħalissa jew fil-futur.

"Riċerka fundamentali" tfisser xogħol sperimentali jew teoriku mwettaq primarjament biex jinkiseb għarfien ġdid tal-pedamenti bażiċi ta' fenomeni u fatti osservabbli, mingħajr ebda applikazzjoni jew użu kummerċjali dirett previst.

"Riċerka industrijali" tfisser ir-riċerka ppjanata jew l-investigazzjoni kritika mmirata lejn il-kisba ta' għarfien u ħiliet ġodda għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi jew servizzi ġodda jew biex iseħħ titjib sinifikanti fi prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti. Tinkludi l-ħolqien ta' partijiet ta' komponenti ta' sistemi kumplessi, u tista' tinkludi l-kostruzzjoni ta' prototipi f'ambjent ta' laboratorju jew f'ambjent b'interfaċċji

influence upon such an entity, for example in the quality of shareholders or members, may not enjoy a preferential access to the results generated by it.

"Project period" means the execution period of the project, that is defined by the number of days between the project start date and project end date as indicated in the Grant Agreement.

"Project" an operation that includes activities spanning over one or several categories of research and development defined in the Rules for Participation , and that is intended to accomplish an indivisible task of a precise economic, scientific or technical nature with clearly pre-defined goals. A project may consist of several work packages, activities or services, and includes clear objectives, activities to be carried out to achieve those objectives (including their expected costs), and concrete deliverables to identify the outcomes of those activities and compare them with the relevant objectives. When two or more projects are not clearly separable from each other and in particular when they do not have independent probabilities of technological success, they are considered as a single project.

"Rules for Participation" (the Rules) means the document published by the Energy and Water Agency containing the guidelines and the full set of applicable rules, regulations and conditions applicable in relation to the 2020 Call for Proposals for R&I Projects in the fields of Energy and Water. A copy may be requested by sending an email to (rni-supportscheme@gov.mt). Alternatively, the document shall be available on the website of the Managing Authority (https://www.energywateragency.gov.mt/research-and-innovation/).

"Oriented-basic research" means the work carried out with the expectation that it will produce a broad base of knowledge likely to form the basis of the solution to recognised or expected current or future problems or possibilities.

"Fundamental research" means experimental or theoretical work undertaken primarily to acquire new knowledge of the underlying foundations of phenomena and observable facts, without any direct commercial application or use in view.

"Industrial research" means the planned research or critical investigation aimed at the acquisition of new knowledge and skills for developing new products, processes or services or for bringing about a significant improvement in existing products, processes or services. It comprises the creation of components parts of complex systems, and may include the construction of prototypes in a laboratory environment or in

simulati għal sistemi eżistenti kif ukoll ta' linji pilota, meta jkun meħtieġ għar-riċerka industrijali u notevolment għall-validazzjoni tat-teknoloġija ġenerika.

"Spejjeż tal-persunal" tfisser l-ispejjeż marbutin mar-riċerkaturi, it-tekniċi u persunal ieħor ta' appoġġ sakemm ikunu impjegati fuq il-proġett jew l-attività rilevanti.

"Strateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma (2021-2030)" tfisser l-istrateġija nazzjonali ppubblikata mill-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma li tiddeskrivi l-pjan tal-Gvern li jagħti spinta u jiggwida d-direzzjoni tar-R&I domestika fl-oqsma tal-enerġija u l-ilma għall-għaxar snin li ġejjin.

"Valur tal-Għotja" tfisser il-valur totali tal-għotja għall-finanzjament tal-Proġett mill-Awtorità Responsabbli.

"Żvilupp sperimentali" tfisser l-akkwist, il-kombinament, l-iffurmar u l-użu tal-għarfien u l-ħiliet eżistenti ta' natura xjentifika, teknoloġika, kummerċjali u ta' tip ieħor, bl-iskop li jiġu żviluppati prodotti, proċeduri jew servizzi ġodda jew imtejba. Dan jista' jinkludi wkoll, pereżempju, attivitajiet immirati lejn id-definizzjoni kunċettwali, l-ippjanar u d-dokumentazzjoni ta' prodotti, proċeduri jew servizzi ġodda. L-iżvilupp sperimentali jista' jinkludi l-prototipi, il-wiri, il-pilotaġġ, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' prodotti ġodda jew imtejba, il-proċessi jew is-servizzi f'ambjenti rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet operattivi reali tal-ħajja meta l-għan ewlieni huwa li jkun hemm titjib tekniku ġdid għall-prodotti, il-proċessi jew s-servizzi li mhumiex sostanzjalment stabbiliti. Dan jista' jinkludi l-iżvilupp ta' prototip jew pilota li jkun kummerċjalment utilizzabbli u li huwa neċessarjament il-prodott kummerċjali finali u li huwa għali wisq biex jiġi prodott biex jintuża biss għal finijiet ta' dimostrazzjoni u validazzjoni. L-iżvilupp sperimentali ma jinkludix tibdiliet ta' rutina jew perjodiċi magħmula lill-prodotti eżistenti, il-linji ta' produzzjoni, il-proċessi ta' manifattura, is-servizzi u operazzjonijiet oħra li jkun għaddejjin, anke jekk dawn it-tibdiliet jistgħu jirrappreżentaw titjib.

an environment with simulated interfaces to existing systems as well as of pilot lines, when necessary for the industrial research and notably for generic technology validation.

"Personnel costs" means the costs of researchers, technicians and other supporting staff to the extent employed on the relevant project or activity.

"National Strategy for Research and Innovation in Energy and Water (2021-2030)" means the national strategy published by the Energy and Water Agency which outlines the Government's plan to boost and guide the direction of domestic R&I in the fields of energy and water over the upcoming decade.

"Grant Value" means the total value of the grant funding provided for the Project by the Managing Authority.

"Experimental development" means acquiring, combining, shaping and using existing scientific, technological, business and other relevant knowledge and skills with the aim of developing new or improved products, processes or services. This may also include, for example, activities aiming at the conceptual definition, planning and documentation of new products, processes or services. Experimental development may comprise prototyping, demonstrating, piloting, testing and validation of new or improved products, processes or services in environments representative of real-life operating conditions where the primary objective is to make further technical improvements on products, processes or services that are not substantially set. This may include the development of a commercially usable prototype or pilot which is necessarily the final commercial product and which is too expensive to produce for it to be used only for demonstration and validation purposes. Experimental development does not include routine or periodic changes made to existing products, production lines, manufacturing processes, services and other operations in progress, even if those changes may represent improvements.

2. Informazzjoni ġenerali dwar l-Iskema

2.1 Is-sett sħiħ ta' regoli, regolamenti u kundizzjonijiet applikabbli għall-Iskema stabbilita b'dan l-Avviż tal-Gvern jinstabu fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni, liema dokument għandu jkun applikabbli fl-intier tiegħu għal din l-Iskema. Huwa mistenni li applikanti potenzjali jkunu qraw u ffamiljarizzaw ruħhom ma' dan id-dokument qabel ma jissottomettu applikazzjoni.

2.2 Is-Sejħa għall-Proposti għall-2020 tilqa' applikazzjonijiet għal appoġġ finanzjarju, liema appoġġ jieħu l-forma ta' għotja, għal proġetti ta' R&I fl-enerġija u fl-ilma li l-objettivi tagħhom huma konformi mal-politiki nazzjonali u li jfittxu li jikkontribwixxu b'mod tanġibbli sabiex jiġu indirizzati waħda minn dawn li ġejjin:

2. Overview of the Scheme

2.1 The full set of rules, regulations and conditions applicable to the Scheme established by this Government Notice are laid down in the Rules for Participation, which document shall be applicable to this Scheme in its entirety. Potential Applicants are expected to read through and familiarise themselves with the document in question prior to submitting an application.

2.2 The 2020 Call for Proposals invites applications for financial support, in the form of a grant, for R&I projects in energy and water whose objectives are in line with national policies and seek to contribute in a tangible manner to addressing one of the following:

a) Prijorità fil-politika nazzjonali jew sfida fis-setturi tal-enerġija u tal-ilma; jew

b) Kompetittività ekonomika u tkabbir f'varjetà ta' setturi nazzjonali, mill-perspettiva tal-enerġija u tal-ilma.

2.3 L-enfasi hija fuq proġetti ta' riċerka orjentata bażika u riċerka applikata għall-istadju ta' disinn sperimentali, jiġifieri proġetti f'Livell ta' Tħejjija Teknoloġika 2-6, b'tul li jvarja bejn tmintax u erbgħa u għoxrin (18-24) xahar.

2.4 Seba' suġġetti ġenerali ġew identifikati bħala oqsma ta' prijorità għall-appoġġ; dawn huma deskritti fl-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma (2021-2030). Dawn huma kif jidhru hawn:

a) soluzzjonijiet rinnovabbli għall-gżejjer
b) integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli
c) soluzzjonijiet ta' effiċjenza fl-enerġija
d) effiċjenza fl-użu tal-ilma
e) proċessi ta' desalinizzazzjoni u trattament tal-ilma
f) trattament u reklamazzjoni tal-ilma mormi
g) ċentri urbani li jikkonservaw l-ilma

Preferenza sabiex jingħata appoġġ finanzjarju tingħata lill-proposti bl-ogħla punteġġi li jaqgħu f'dawn l-oqsma ta' prijorità; l-oqsma ta' prijorità m'għandhomx ordni ta' preferenza bejniethom. Proġetti jistgħu jaqgħu f'firxa ta' dixxiplini, inkluż l-inġinerija u x-xjenzi naturali, xjenzi soċjali u ta' mġiba, *big data* u intelliġenza artifiċjali.

3. Eliġibbiltà

3.1 Applikant jista' jkun entità individwali jew Konsorzju. Meta ssir l-applikazzjoni, l-Applikant għandu jkollu kapaċità suffiċjenti ta' riżorsi umani kwalifikati adattati (apparti minn dawk li jiġu reklutati għall-proġett), għarfien teknoloġiku xieraq u pożizzjoni finanzjarja tajba biżżejjed sabiex iwettaq proġett ta' R&I. Fil-ħin tal-ħlas tal-għajnuna, l-Applikant (fil-każ ta' Konsorzju, l-Imsieħeb Ewlieni) huwa meħtieġ li jkollu stabbiliment jew fergħa f'Malta.

3.2 L-iskema hija miftuħa kemm għall-Applikanti li jaqgħu barra mill-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat kif ukoll għal dawk li jaqgħu fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat.

4. Appoġġ Finanzjarju

4.1 Il-finanzjament massimu possibbli li jista' jintalab għal Proġett R&I taħt din l-Iskema huwa ta' €120,000 u l-finanzjament minimu possibbli mitlub m'għandux ikun inqas minn €60,000. In-numru ta' Proġetti li se jingħataw finanzjament huwa suġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, sa massimu ta' €425,000, fejn il-fondi jiġu allokati għal

a) A national policy priority or challenge in the energy and water sectors; or

b) Economic competitiveness and growth in a variety of national sectors, from an energy and water perspective.

2.3 The focus is on projects at oriented-basic research and applied research to experimental design stage, that is projects at Technology Readiness Level (TRL) 2-6, with a duration ranging between eighteen and twenty-four (18-24) months.

2.4 Seven overarching topics have been identified as priority areas for support; these are described in the National Strategy for Research and Innovation in Energy and Water (2021-2030). These are as follows:

a) renewable solutions for islands
b) integration of RES electricity
c) energy efficient solutions
d) water use efficiency
e) desalination and water treatment process
f) wastewater treatment and reclamation
g) water friendly urban centres

Preference for financial support will be given to the highest scoring proposals within these priority areas; there is no order of preference of the priority areas. Target projects may fall in a range of disciplines, from engineering and natural sciences to social and behavioural sciences, big data and artificial intelligence.

3. Eligibility

3.1 An Applicant may be constituted of an individual entity or a Consortium. At the time of application, the Applicant must have sufficient capacity with respect to suitable qualified human resources (in addition to those that shall be recruited for the project), appropriate technology acumen and financial standing to undertake a R&I project. At the time of payment of the assistance, the Applicant (in the case of a Consortium, the Lead Partner) is required to have an establishment or branch in Malta.

3.2 The scheme is open to both Applicants who fall outside the scope of State aid and those who fall within the scope of State aid.

4. Financial Support

4.1 The maximum possible funding that can be requested for an R&I Project under this Scheme is €120,000 and the minimum possible funding requested shall not be less than €60,000. The number of Projects which will be awarded funding is subject to the availability of funds, up to a maximum of €425,000, with funds allocated to Projects in

Proġetti skont l-ordni ta' klassifikazzjoni li joħroġ mill-proċess ta' evalwazzjoni deskritt f'5.3-5.7.

4.2 L-intensità tal-għajnuna tiġi ddeterminata abbażi tal-entità (mhux abbażi tal-proġett). Entitajiet li ma jaqgħux fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat huma eliġibbli biex jirċievu 100% tal-finanzjament għall-ispejjeż eliġibbli mitluba. L-intensità tal-għajnuna għal entitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat hija ddeterminata skont il-livell ta' attività ta' R&I li qed titwettaq u d-daqs tal-entità, skont it-tabella hawn taħt.

4.3 Fil-każ ta' proġetti kollaborattivi, ir-rata massima ta' finanzjament għal proġett speċifiku tiddependi fuq in-numru u t-tip tal-partijiet li huma kollaboraturi, kif ukoll fuq il-kategoriji ta' attivitajiet ta' riċerka mwettqa u s-sehem ta' spejjeż eliġibbli mġarrba minn kull waħda minnhom.

Għajnuna għal proġetti ta' R&I taħt is-Sejħa għall-Proposti tal-2020	**Intrapriża żgħira**	**Intrapriża ta' daqs medju**	**Intrapriża kbira**
Riċerka fundamentali	100%	100%	100%
Riċerka industrijali	70%	60%	50%
– suġġetti għal kollaborazzjoni effettiva bejn intrapriżi li fosthom għall-inqas wieħed minnhom huwa SME, jew il-proġett huwa mwettaq għall-inqas f'żewġ Stati Membri, jew fi Stat Membru u f'Parti Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE, u l-ebda intrapriża unika ma tbati iktar minn 70% tal-ispejjeż eliġibbli, jew bejn intrapriża u organizzazzjoni waħda jew iktar tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien, meta dawn tal-aħħar iġorru mill-inqas 1-10% tal-ispejjeż eliġibbli u għandhom id-dritt li jippubblikaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom; jew – ir-riżultati tal-proġett jixxerrdu sew permezz ta' konferenzi, pubblikazzjoni, repożitorji b'aċċess miftuħ, jew permezz ta' software b'xejn jew ta' sors miftuħ	80%	75%	65%

4.2 The aid intensity is determined on an entity basis (not a project basis). Entities that do not fall within the scope of State aid are eligible to receive 100% of funding for eligible costs claimed. The aid intensity for entities that fall within the scope of State aid is determined according to the level of R&I activity being undertaken and the size of the entity, as per the table below.

4.3 In the case of collaborative projects, the maximum funding rate for a specific project will depend on the number and type of collaborating parties, as well as on the categories of research activities carried out and the share of eligible costs borne by each one of them.

Aid for R&I projects under the 2020 Call for Proposals	**Small enterprise**	**Medium-sized enterprise**	**Large enterprise**
Fundamental research	100%	100%	100%
Industrial research	70%	60%	50%
– Subject to effective collaboration between undertakings among which at least one is an SME, or is carried out in at least two Member States, or in a Member State and in a Contracting Party of the EEA Agreement, and no single undertaking bears more than 70% of the eligible costs, or between an undertaking and one or more research and knowledge-dissemination organisations, where the latter bear at least 10% of the eligible costs and have the right to publish their own research results; or – Subject to wide dissemination of results through conferences, publication, open access repositories, or free or open source software	80%	75%	65%

Żvilupp sperimentali	45%	35%	25%
– suġġetti għal kollaborazzjoni effettiva bejn intrapriżi li fosthom għall-inqas wieħed minnhom huwa SME, jew il-proġett huwa mwettaq għall-inqas f'żewġ Stati Membri, jew fi Stat Membru u f'Parti Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE, u l-ebda intrapriża unika ma tbati iktar minn 70% tal-ispejjeż eliġibbli, jew bejn intrapriża u organizzazzjoni waħda jew iktar tar-riċerka u t-tixrid tal-għarfien, meta dawn tal-aħħar iġorru mill-inqas 1-10% tal-ispejjeż eliġibbli u għandhom id-dritt li jippubblikaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom; jew	60%	50%	40%
– ir-riżultati tal-proġett jixxerrdu sew permezz ta' konferenzi, pubblikazzjoni, repożitorji b'aċċess miftuħ, jew permezz ta' software b'xejn jew ta' sors miftuħ			

Experimental development	45%	35%	25%
– Subject to effective collaborative between undertakings among which at least one is an SME, or is carried out in at least two Member States, or in a Member State and in a Contracting Party of the EEA Agreement, and no single undertaking bears more than 70% of the eligible costs, or between an undertaking and one or more research and knowledge-dissemination organisations, where the latter bear at least 10% of the eligible costs and have the right to publish their own research results; or	60%	50%	40%
– Subject to wide dissemination of results through conferences, publication, open access repositories, or free or open source software			

4.4 Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-ispejjeż kollha għandhom isiru matul it-terminu tal-*Grant Agreement*. L-ispejjeż eliġibbli huma kif ġej:

(i) Spejjeż tal-persunal: l-ispejjeż marbutin mar-riċerkaturi, it-tekniċi u persunal ieħor ta' appoġġ sakemm ikunu impjegati fuq il-proġett, fejn issir distinzjoni bejn persunal eżistenti u kwalunkwe persunal ġdid impjegat speċifikament għall-Proġett. L-ispejjeż eliġibbli għall-persunal eżistenti m'għandhomx jaqbżu l-20% tal-Valur tal-Proġett. Hemm limiti stabbiliti għan-numru ta' persunal ġdid li jista' jiġi impjegat taħt il-Proġett, b'linji gwida għar-rati ta' kull siegħa inklużi.

(ii) Strumenti u tagħmir: xiri ta' tagħmir speċjalizzat, inkluż software u settijiet ta' dejta, meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Proġett, sal-punt u għall-perjodu użati fil-proġett. Jekk dawn l-istrumenti u t-tagħmir ma jintużawx tul ħajjithom kollha fil-Proġett, jitqiesu eliġibbli biss l-ispejjeż ta' deprezzament li jikkorrispondu għall-ħajja tal-proġett. L-ispejjeż tad-deprezzament għandhom jiġu kkalkulati

4.4 To be eligible for funding, all costs must be incurred during the term of the Grant Agreement. Eligible costs are as follows:

(i) Personnel costs: researchers, technicians and other supporting staff to the extent employed on the project, with a distinction made between existing personnel and any new personnel employed specifically for the Project. Eligible costs for existing personnel shall not exceed 20% of the Project Value. Limits are in place for the number of new personnel employed for the Project, with guidelines for hourly rates included.

(ii) Instruments and equipment: purchase of specialized equipment, including software and datasets, required for achieving the objectives of the Project, to the extent and for the period used for the project. Where such instruments and equipment are not used for their full life for the Project, only the depreciation costs corresponding to the life of the Project are considered as eligible. The depreciation costs must be

abbażi ta' prassi tajba tal-kontabbiltà u vverifikati minn Accountant Pubbliku Ċertifikat.

(iii) Informazzjoni xjentifika: aċċess għal sorsi ta' informazzjoni xjentifika inklużi *databases* u pubblikazzjonijiet, mixtrija jew liċenzjati minn sorsi esterni taħt kundizzjonijiet ta' distakkament.

(iv) Oġġetti ta' Konsum: l-ispejjeż tal-materjali, provvisti u prodotti simili li jkunu saru direttament bħala riżultat tal-proġett. Il-valur globali tal-oġġetti ta' konsum ma jistax jaqbeż it-30% tal-Valur tal-Proġett.

(v) Attivitajiet sottokuntrattati: kwalunkwe attività relatata mal-proġett li ma titwettaqx direttament mill-Benefiċjarju tal-Proġett, iżda li titwettaq esternament taħt kundizzjonijiet ta' distakkament. Il-valur globali ta' attivitajiet sottokuntrattati ma jistax jaqbeż il-25% tal-Valur tal-Proġett.

(vi) Spejjeż ġenerali: spejjeż ġenerali mġarrba direttament bħala riżultat tal-Proġett huma limitati għal 5% tal-ispejjeż eliġibbli.

4.5 Il-finanzjament taħt dan il-Programm huwa disponibbli biss sakemm l-Applikant ma bbenefikax minn xi forma oħra ta' għajnuna għall-istess spejjeż eliġibbli li għalihom qed issir applikazzjoni taħt dan il-Programm. Barra minn hekk, mal-iffirmar tal-*Grant Agreement*, il-Benefiċjarju tal-Proġett huwa awtomatikament ipprojbit milli jaċċetta forom oħra ta' għajnuna għall-istess spejjeż eliġibbli matul il-Perjodu tal-Proġett.

5. Proċess ta' Applikazzjoni

5.1 Il-proċedura ta' applikazzjoni hija proċess fi stadju wieħed, fejn l-applikanti jissottomettu applikazzjoni sħiħa fil-bidu tal-proċess.

5.2 L-għażla u l-finanzjament tal-proposti taħt din l-Iskema se jkunu fuq bażi kompetittiva.

5.3 L-applikazzjonijiet għall-proġetti se jiġu evalwati permezz ta' proċess fi tliet stadji:

1. Konformità amministrattiva: Il-proposti jiġu miflija għall-konformità mal-linji gwida li jinsabu fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni u fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Proġetti li huma amministrattivament konformi jgħaddu għall-pass li jmiss.

2. Evalwazzjoni tal-Kontenut: Il-bord tal-evalwazzjoni jgħaddi biex jevalwa l-kontenut ta' dawk il-proposti li jinstabu li huma konformi mil-lat amministrattiv, u dan abbażi tal-kriterji

calculated on the basis of generally accepted accounting principles and verified by a Certified Public Accountant.

(iii) Scientific information: access to scientific information sources including databases and publications, bought or licensed from outside sources at arm's length conditions.

(iv) Consumables: the costs of materials, supplies and similar products incurred directly as a result of the project. The overall value of consumables cannot exceed 30% of the Project Value.

(v) Subcontracted activities: any activity related to the project which is not carried out directly by the Project Beneficiary, but which is carried out by outside sources at arm's length conditions. The overall value of subcontracted activities cannot exceed 25% of the Project Value.

(vi) Overheads: overheads incurred directly as a result of the Project are capped at 5% of eligible costs.

4.5 Funding under this Programme is made available on the basis that the Applicant has not benefited from any other form of assistance for the same eligible costs as those being applied for under this Programme. Furthermore, upon signing of the Grant Agreement, the Project Beneficiary is automatically prohibited from accepting other forms of assistance for the same eligible costs over the Project Period.

5. Application Process

5.1 The application procedure is a one-stage process, where applicants submit a full application at the outset of the process.

5.2 The selection and funding of proposals under this Scheme shall be on a competitive basis.

5.3 Project applications will be evaluated through a three-step process:

1. Administrative compliance: Proposals are checked for compliance with the guidelines detailed in the Rules for Participation and the application submission. Projects that are administratively compliant shall pass to the next step.

2. Content Evaluation: The evaluation board shall evaluate the content of project proposals, which were found to be administratively compliant, based on the criteria

speċifikati fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni. Proposti li jiksbu marka li taqbeż il-65% f'kull wieħed mit-3 kriterji (Eċċellenza, Impatt, Implimentazzjoni) jgħaddu għall-pass li jmiss.

3. Verifika xierqa: Dan il-pass jinvolvi li ssir verifika xierqa fuq l-Applikanti li jinstabu li huma amministrattivament konformi u li l-proposta tagħhom taqbeż il-limiti stabbiliti matul l-evalwazzjoni tal-kontenut.

5.4 Biex proġett ikun eliġibbli għall-finanzjament irid jgħaddi t-tliet stadji kollha u l-proġetti eliġibbli jiġu kklassifikati skont il-marki miksuba fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-kontenut.

5.5 Ladarba titlesta l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha, l-Awtorità Responsabbli tippubblika l-lista tal-applikazzjonijiet għall-proġetti li ġew sottomessi fuq is-sit tal-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma. Proġetti li huma eliġibbli għall-finanzjament (l-Applikanti li Rnexxew) jiġu elenkati fl-ordni tal-marka miksuba waqt l-Evalwazzjoni tal-Kontenut; Proġetti li mhumiex eliġibbli għall-finanzjament (Applikanti li ma Rnexxewx) jiġu elenkati f'ordni alfabetika. Il-lista ppubblikata ta' Applikanti li Rnexxew se tinqasam fi tnejn, b'mod li waħda telenka dawk il-Proġetti li se jirċievu l-ewwel offerti ta' appoġġ u l-oħra telenka dawk il-Proġetti fuq il-'lista ta' stennija'.

5.6 Offerti ta' appoġġ għall-Proġetti taħt is-Sejħa għall-Proposti tal-2020 għandhom jiġu magħmula lill-Applikanti li Rnexxew skont l-ordni ta' kif ġew fil-klassifikazzjoni; dan sakemm jew il-fondi jiġu eżawriti jew sakemm ma jkunx fadal aktar Applikanti li Rnexxew.

5.7 Meta l-Valur tal-Għotja mitlub mill-Applikant li Rnexxa li lilu jmiss li ssir offerta skont il-klassifikazzjoni jaqbeż l-ammont ta' fondi li fadal sabiex jiġu allokati, offerta ta' appoġġ issir lil dak l-Applikant li Rnexxa iżda sa massimu tal-bqija tal-fondi li jkun fadal mhux allokati. Jekk l-offerta ma tiġix aċċettata minn dak l-Applikant li Rnexxa, l-istess offerta ta' appoġġ issir lill-Applikant li Rnexxa li jmiss warajh, f'konformità mal-ordni ta' klassifikazzjoni ddeterminata mill-marka miksuba matul l-evalwazzjoni tal-kontenut tal-applikazzjoni. Dan il-proċess ikompli sakemm il-fondi li jkun fadal jiġu kollha allokati jew sakemm ma jibqa' l-ebda Applikant li Rnexxa. Għandu jiġi nnutat li jekk Applikant li Rnexxa jaċċetta Valur ta' Għotja li jkun inqas mill-ammont mitlub fl-applikazzjoni, il-Proġett kif propost ma jistax jinbidel.

6. Mod ta' applikazzjoni u dokumenti ta' sostenn

6.1 Is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għandha ssir billi tintbagħat elettronikament lil (rni-supportscheme@gov.mt) bil-kliem "2020 Call for Proposals – Application Submission" bħala s-suġġett. Tintbagħat ittra elettronika

specified in the Rules for Participation. Proposals obtaining a mark exceeding 65% in each of the 3 criterions (Excellence, Impact, Implementation) shall pass to the next step.

3. Due Diligence: This step involves a due diligence of Applicants who are found to be administratively compliant and whose proposal exceeds the set thresholds during content evaluation.

5.4 For a project to be eligible for funding it must pass all three steps and eligible projects will be ranked according to the marks obtained in the content evaluation stage.

5.5 Once the evaluation of all applications has been completed, the Managing Authority shall publish the list of project applications which were submitted on the website of the Energy and Water Agency. Projects which are eligible for funding (the Successful Applicants) will be listed in order of the mark achieved during the Content Evaluation; Projects not eligible for funding (Unsuccessful Applicants) will be listed in alphabetical order. The published list of Successful Applicants will be divided into two sections, indicating those Projects which will receive the first offers of support and those Projects on the 'waiting list'.

5.6 Offers of support for their Projects under the 2020 Call for Proposals shall be provided to Successful Applicants according to the rank order and until the funds are either exhausted or until no Successful Applicants remain.

5.7 When the requested Grant Value of the next ranking Successful Applicant exceeds the remaining unallocated funds, an offer of support will be made to that Successful Applicant but up to a maximum of the remaining unallocated funds. Should the offer not be accepted by that Successful Applicant, the same offer of support will be made to the subsequent Successful Applicant, in line with the ranking order determined by the mark achieved during the content evaluation. This process will continue until all remaining funds have been allocated or until no Successful Applicants remain. It must be noted that should a Successful Applicant accept a Grant Value that is lower than the amount requested in the application, the proposed Project cannot be changed.

6. Manner of application and supporting documents

6.1 The application submission is to be sent electronically to (rni-supportscheme@gov.mt) with "2020 Call for Proposals – Application Submission" as the subject. All received applications shall be acknowledged by email.

ta' konferma għall-applikazzjonijiet kollha li jiġu riċevuti. Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jiżgura li tiġi pprovduta rċevuta ta' konferma.

6.2 L-applikazzjonijiet kollha għandhom jiġu sottomessi strettament skont ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni u għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

Formola ta' applikazzjoni;
Pjan ta' attivitajiet tal-proġett, skadenzi u riżultati (*Gantt Chart*);
CV tar-riċerkaturi ewlenin;
Formoli ta' dikjarazzjoni;
Rapporti finanzjarji awditjati għall-aħħar tliet snin fiskali (esklużi entitajiet pubbliċi)

Jistgħu jkunu meħtieġa dokumenti oħra skont l-applikazzjoni tal-Proġett u l-Applikant.

6.3 Fejn huwa meħtieġ li jintuża mudell, dan ikun disponibbli mis-sit elettroniku tal-Awtorità Responsabbli (https://www.energywateragency.gov.mt/research-and-innovation/).

7. Emendi għall-Iskema

Il-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma għandu d-dritt li minn żmien għal żmien jemenda r-Regoli applikabbli u, jew kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet stabbiliti minn dan l-Avviż tal-Gvern.

It-18 ta' Settembru, 2020

Nru. 1079

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ippjanar b'din tiddikjara illi l-proprjetajiet imsemmija hawn taħt qegħdin jiġu inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata (kif jidher fuq il-mappa f'paġna 8397), skont l-Artikolu 57 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u permezz tal-paragrafi 1.13, 2.27, u policies TO8, UO2 u RO4 tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar (SPED) kif ġej:

Mappa 1	Nru. 6	Triq l-Għarb	L-Għarb	Grad 2

L-Awtorità dwar l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikolu 57 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

Il-18 ta' Settembru, 2020

It is the responsibility of the applicant to ensure that a confirmation receipt is provided.

6.2 All applications shall be submitted strictly in accordance with the Rules for Participation and shall include the following items:

Application form;
Plan of project activities, timeframes and deliverables (Gantt Chart);
CVs of key researchers;
Declaration forms;
Audited financial statements for the last three fiscal years (excluding public entities)

Other documents may be required according to the Project application and the Applicant.

6.3 Where it is required that a template is used, these will be made available on the website of the Managing Authority: (https://www.energywateragency.gov.mt/research-and-innovation/).

7. Amendments to Scheme

The Ministry for Energy and Water Management shall have the right to amend from time to time the applicable Rules and, or any of the provisions established by this Government Notice.

18th September, 2020

No. 1079

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (ARTICLE 57)


Scheduling of Property

THE Planning Authority is hereby declaring the properties mentioned hereunder as included in the List of Scheduled Property (as shown on the map on page 8397) in terms of Article 57 of the Development Planning Act, 2016, and paragraphs 1.13, 2.27, and policies TO8, UO2 and RO4 of the Strategic Plan for the Environment and Development (SPED) as follows:

Mappa 1	Nru. 6	Triq l-Għarb	L-Għarb	Grad 2

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Article 57 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act 2016 as regards to scheduled property.

18th September, 2020


PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Scheduling of Property
Nru. 6,
Triq L-Għarb,
L-Għarb
Legend:
Nru. 6
Triq L-Għarb,
L-Għarb
Grade 2
Ref. No.: GF 0044/20
Map No.: 1
SQAQ IL-FGURA
SQAQ NRU. 1
SQAQ NRU. 2
N
0
0.0125
0.025
0.05
km

Nru. 1080

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
18.9.2020	€53.701	€0.772

It-18 ta' Settembru, 2020

No. 1080

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

18th September, 2020

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 102

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Settembru, 2020, mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Triq il-Mall minn Triq Vinċenzo Dimech sal-venda, Triq ir-Re Edwardu minn Triq l-Assedju l-Kbir sal-venda, Triq l-Assedju l-Kbir minn Triq Sant'Anna sal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Triq Sarria minn Pjazza San Publiju sa Triq l-Assedju l-Kbir, il-parkeġġ tal-Arena tal-Indipendenza, il-parkeġġ ta' Triq l-Assedju l-Kbir u l-parkeġġ iż-żgħir ta' ħdejn il-Fosos.

Il-Belt Valletta

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Settembru, 2020, mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m., mill-parkeġġ kollu tal-Bank Ċentrali u Triq Ġlormu Cassar mill-Monument tal-Gwerra sa Pjazza Kastilja.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Settembru, 2020

POLICE NOTICE

No. 102

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Floriana

On Monday, 21st September, 2020, from 5.00 a.m. till 2.00 p.m., through Triq il-Mall from Triq Vinċenzo Dimech till bus terminus, Triq ir-Re Edwardu from Triq l-Assedju l-Kbir till bus terminus, Triq l-Assedju l-Kbir from Triq Sant'Anna till Ministry for Education, Triq Sarria from Pjazza San Publiju till Triq l-Assedju l-Kbir, parking area of Independence Arena, parking area of Triq l-Assedju l-Kbir and small pakring area near the Granaries.

Valletta

On Monday, 21st September, 2020, from 5.00 a.m. till 2.00 p.m., through all Central Bank Parking area and Triq Ġlormu Cassar from War Memorial till Pjazza Kastilja.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

18th September, 2020

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 103

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, 2020, mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fi tliet (3) parkeġġi quddiem il-Każin tal-Partit Nazzjonalista (trasport pubbliku mhux se jkun affettwat).

Nhar is-Sibt, 26 ta' Settembru, 2020, mit-8.00 a.m. sas-7.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fi tliet (3) parkeġġi quddiem il-Każin tal-Partit Nazzjonalista (trasport pubbliku mhux se jkun affettwat).

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Ottubru, 2020, mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fi tliet (3) parkeġġi quddiem il-Każin tal-Partit Nazzjonalista (trasport pubbliku mhux se jkun affettwat).

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru, 2020, mill-5.00 p.m. sal- 10.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fi tliet (3) parkeġġi quddiem il-Każin tal-Partit Nazzjonalista (trasport pubbliku mhux se jkun affettwat).

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2020, mis-7.00 a.m. sal-5.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fi tliet (3) parkeġġi quddiem il-Każin tal-Partit Nazzjonalista (trasport pubbliku mhux se jkun affettwat).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Settembru, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 108 tal-2020

Ikkanċella Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 40 tal-2020 rigward - Tiswija ta' Skal fil-Bajja tal-Ġnejna

Id-Direttorat għall-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf li xogħlijiet ta' tiswija fuq skal fil-Bajja tal-Ġnejnissa tlestew.

Għalhekk, Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 40 tal-2020 – rigward – Tiswija ta' Skal fil-Bajja tal-Ġnejna huwa KKANĊELLAT.

It-18 ta' Settembru, 2020

POLICE NOTICE

No. 103

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Friday, 25th September, 2020, from 5.00 p.m. till 10.00 p.m., clearance only three (3) parking spaces in front of Każin Partit Nazzjonalista (public transport will not be effected).

On Saturday, 26th September, 2020, from 8.00 a.m. till 7.00 p.m., clearance only three (3) parking spaces in front of Każin Partit Nazzjonalista (public transport will not be effected).

On Thursday, 1st October, 2020, from 6.00 p.m. till 10.00 p.m., clearance only three (3) parking spaces in front of Każin Partit Nazzjonalista (public transport will not be effected).

On Friday, 2nd October, 2020, from 5.00 p.m. till 10.00 p.m., clearance only three (3) parking spaces in front of Każin Partit Nazzjonalista (public transport will not be effected).

On Saturday, 3rd October, 2020, from 7.00 a.m. till 5.00 p.m., clearance only three (3) parking spaces in front of Każin Partit Nazzjonalista (public transport will not be effected).

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

18th September, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 108 of 2020

Cancel Local Notice to Mariners No. 40 of 2020 re - Repair of Slipway at Ġnejna Bay

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the repair works on the slipway at Ġnejna Bay have been completed.

Therefore, Local Notice to Mariners No. 40 of 2020 – re – Repair of Slipway at Ġnejna Bay is hereby CANCELLED.

18th September, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 109 tal-2020

Rolex Middle Sea Race - 2020

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf li r-Royal Malta Yacht Club se jorganizza r-Rolex Middle Sea Race nhar is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2020. B'żieda ma' dan se ssir ukoll tellieqa max-xatt nhar l-Erbgħa, 14 ta' Ottubru, 2020.

Il-programm tat-tlielaq se jkun kif ġej:

a) L-Erbgħa, 14 ta' Ottubru, 2020

It-tellieqa max-xatt tibda fl-10.00 a.m.

It-tellieqa se tibda mill-Port ta' Marsamxett, f'linja immaġinarja mit-torri tal-Fortizza ta' Tignè sal-kantuniera tas-sur fuq in-naħa tal-Punent tal-Fossa fil-Belt Valletta. Meta joħorġu mill-Port ta' Marsamxett huma jkomplu, skont il-kundizzjonijiet tat-temp, jew lejn Kemmuna u/jew Għawdex jew lejn il-Munxar u/jew Filfla u jispiċċaw fil-Port ta' Marsamxett.

Il-baħħara huma mitluba biex ma jostakolawx il-mogħdija f'Marsamxett waqt il-bidu tat-tellieqa max-xatt u joqogħdu attenti matul il-kumplament tal-ħin tat-tellieqa tal-Erbgħa, 14 ta' Ottubru, 2020.

b) Is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2020

Ir-Rolex Middle Sea Race se tibda għall-ħabta tal-11.00 a.m.

It-tellieqa se titlaq mill-Port il-Kbir, minn linja immaġinarja minn żubrun li jintefaħ ħdejn il-Ponta ta' Sant' Anġlu sal-arblu tal-Valletta Saluting Battery.

Wara l-jottijiet jiġbdu f'direzzjoni lejn il-Grigal tul il-kanal tal-Port il-Kbir għal żubrun isfar li jintefaħ, li jkollu fuqu l-logo tal-isponsor, marbut barra l-Breakwater ta' Sant'Iermu. Iż-żubrun muri bħala 1 fiċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) se jkun fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
35º 54'.160	014º 31'.540

Il-jottijiet wara jiġbdu fid-direzzjoni lejn il-Majjistral lejn is-sikek ta' San Ġorġ fejn se jkun hemm it-tieni żubrun li jintefaħ, li jkollu fuqu l-logo tal-isponsor, fil-pożizzjoni tiegħu. Iż-żubrun muri bħala 2 fiċ-chart li tinsab fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) se jkun fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 109 of 2020

Rolex Middle Sea Race - 2020

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the Royal Malta Yacht Club will be holding the Rolex Middle Sea Race on Saturday, 17th October, 2020. In addition, a coastal race will also be held on Wednesday 14th October, 2020.

The race programme is as follows:

a. Wednesday, 14th October, 2020

The coastal race starts at 10.00 a.m.

The start is from Marsamxett Harbour, at an imaginary line from the tower of Il-Fortizza ta' Tignè to the corner of the bastion on the western side of Il-Fossa in Valletta. When they exit Marsamxett Harbour they will proceed, depending on the weather conditions, either to Comino and/or Gozo or to Munxar and/or Filfa and finish at Marsamxett Harbour.

Mariners are requested to keep the Marsamxett fairway clear during the start of the coastal race and to keep a sharp lookout during the remaining hours of Wednesday, 14th October, 2020.

b. Saturday, 17th October, 2020

The Rolex Middle Sea Race starts at approximately 11.00 a.m.

The start is from the Grand Harbour, at an imaginary line from an inflatable buoy near Saint Angelo Point to the Valletta Saluting Battery mast.

The yachts shall then proceed in a North-Easterly direction along the Channel in the Grand Harbour to an inflatable buoy, bearing the sponsor's logo, positioned outside the Saint Elmo Breakwater. The buoy shown as 1 on chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) will be in the following approximate position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 54'.160	014º 31'.540

The yachts shall then proceed in a North-Westerly direction towards St George's shoals where a second inflatable buoy, bearing the sponsor's logo, will be positioned. The buoy shown as 2 on chart 1 found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) will be in the following approximate position:

Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
35º 55'.650	014º 30'.070

Huma jimxu fuq il-korsa kif jidher fuq Chart 1 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov. mt).

Il-jottijiet imbagħad jiġbdu fid-direzzjoni ta' Grieg it-Tramuntana lejn Sqallija.

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'attenzjoni u joqogħdu attenti meta jkunu qrib ir-rotot u l-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq u, meta jintlemħu, iżommu bogħod minn min ikun qed jieħu sehem.

Huma għandhom jibqgħu mill-inqas 200m bogħod miż-żubruni li jintefħu 1 u 2 imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara huma avżati biex is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2020, mid-9.00 a.m. sat-3.00 p.m. jew ħin ieħor kif imħabbar mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12, jekk ikun qabel, il-Port il-Kbir se jkun magħluq għall-bastimenti kollha li ma jkunux direttament involuti fit-tellieqa.

Matul dawn il-ħinijiet il-bastimenti l-oħra kollha se jkunu meħtieġa jibqgħu fiż-żoni murija fin-naħa ta' ġewwa tal-port sa Ras Ħanżir fid-Daħla tat-Tarzna, id-Daħla tal-Kalkara u l-Bajja tar-Rinella. (Iż-żoni huma murija b'kulur maġenta fuq Chart 2 li tinsab fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

L-ebda bastiment ma jitħalla viċin il-moll ħdejn il-pixkerija minħabba li dan il-moll qed ikun riservat għal bastimenti ta' emerġenza biss.

Il-baħħara għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u mal-uffiċjali tal-infurzar marittimu li jkunu fl-inħawi. Barra minn hekk għandhom jobdu struzzjonijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHS Channel 12.

Il-pożizzjonijiet jinsabu f'WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA Chart 177

It-18 ta' Settembru, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 110 tal-2020

Malta Young Sailors Club Windsurfing Regatta, San Pawl il-Baħar – Settembru 2020

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li l-Malta Young Sailors Club se jorganizza Windsurfing Regatta bejn is-Sibt, 19 ta' Settembru u t-Tnejn, 21 ta' Settembru, 2020.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 55'.650	014º 30'.070

They will follow the course as shown on chart 1 found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The yachts shall than proceed in a North-North-Easterly direction towards Sicily.

Mariners are to navigate with caution and to keep a sharp lookout when in the vicinity of the above-mentioned courses and, when sighted, give the participants a wide berth.

They are also to keep at least 200m away from the inflatable buoys 1 and 2 mentioned above.

Mariners are advised that on Saturday, 17th October, 2020, from 9.00 a.m. till 3.00 p.m. or such time as may be communicated by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF channel 12, if earlier, the Grand Harbour shall be closed for all traffic not directly related to the race.

During these times all other vessels shall be required to remain within designated areas in the inner harbour up to Ras Ħanżir, in Dockyard Creek, Kalkara Creek and Rinella Bay (areas are shown hatched in magenta on chart 2 found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

No vessel will be allowed at the quay next to the fish market as this quay is being reserved for emergency vessels only.

Mariners are instructed to cooperate with the organisers and Maritime Enforcement officers in the area. Moreover, they are to obey any instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12.

Positions are in WGS 84 Datum.

Chart affected: BA Chart 177

18th September, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 110 of 2020

Malta Young Sailors Club Windsurfing Regatta, St. Paul's Bay – September 2020

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the Malta Young Sailors Club will be holding a Windsurfing Regatta between Saturday, 19th September and Monday, 21st September, 2020.

L-attività se ssir fil-Bajja ta' San Pawl u l-approċċi, fiż-żona delinjata mil-linji immaġinarji A, B, C u D kif muri fuq iċ-ċhart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt).

Fit-tliet ġranet tal-attivitàser jintefgħu inflatable marker buoys fiż-żona msemmija hawn fuq biex jindikaw il-korsa tat-tellieqa mit-8.30 a.m. sas-7.30 p.m.

Il-bastimenti kollha mhux involuti fl-attività għandhom iżommu 'l bogħod sew mid-dgħajjes li jikkompetu u jsegwu kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija mill-uffiċjali tat-tellieqa u mill-bastimenti li se jkunu qed jassistu din l-attivita.

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jagħtu jżommu d-distanza miż-żona indikata. Huma wkoll avżati biex jagħtu d-dritta lill-parteċipanti. Għandhom ukoll jobdu l-struzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12, u minn kwalunkwe aġenzija tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 211, 2538, 2537

It-18 ta' Settembru, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 111 tal-2020

Tindif ta' Qiegħ il-Baħar fil-Bajja ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir tindif ta' qiegħ il-baħar fil-Bajja ta' Marsaxlokk fiż-żona murija mmarkata fuq chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt), nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru, 2020, bejn 9.00 a.m. u 1.00 p.m.

Il-baħħara huma avżati biex fid-data stipulata joqogħdu attenti u jbaħħru b'kawtela kbira u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet maħruġa minn Marsaxlokk Port Control (Marsaxlokk VTS) fuq VHF Channel 14.

Chart affettwata: BA 36

It-18 ta' Settembru, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 112 tal-2020

Sondaġġ Bentiku f'Wine Wharf fil-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li se jsir sondaġġ tal-qiegħ tal-baħar

The activity will take place in St. Paul's Bay and approaches, in an area delineated by the imaginary lines A, B, C and D as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Inflatable marker buoys shall be laid within the above-mentioned area to indicate the racecourse between 8.30 a.m. and 7.30 p.m. on both days of the activity.

All vessels not involved in the activity are to keep well clear from the competing boats and follow any instructions given by the race officials and support vessels.

Mariners are to note the above and give the area indicated a wide berth. They are further instructed to give the right of way to the participants. Any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and any enforcement agency on site are to be complied with.

Charts affected: BA 211, 2538, 2537.

18th September, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 111 of 2020

Seabed clean-up in Il-Bajja ta' Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that a seabed clean-up operation by divers in Il-Bajja ta' Marsaxlokk, in the area shown hatched on chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), will be held on Saturday, 19th September, 2020, from 9.00 a.m. till 1.00 p.m.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed when in the vicinity, on the stipulated date. They are to obey any instructions issued by Marsaxlokk Port Control (Marsaxlokk VTS) on VHF Channel 14.

Chart affected: BA 36

18th September, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 112 of 2020

Benthic Survey at Wine Wharf in Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that a benthic survey will be carried out at

f'Wine Wharf fil-Port il-Kbir għal ferry landing tal-lanċ. Dan se jsir bejn il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, 2020, u l-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, 2020 (jekk it-temp jippermetti) fiż-żona kif muri fuq iċ-ċhart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt).

Is-sondaġġ bentiku se jsir minn ROV li se jitħaddem mill-art. Għaddasa se jiġu ingaġġati wkoll biex jieħdu kampjuni u jikkonfermaw is-sejbiet, u se jkunu qed ittajru l-bandiera tal-kodiċi internazzjonali tas-sinjali A.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'kawtela u bil-mod, mingħajr ma jagħmlu rima. Għandhom ukoll jikkonformaw mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12.

Chart affettwata: BA 177

It-18 ta' Settembru, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 113 tal-2020

Sondaġġi ta' Għadis fil-Port ta' Marsaxmett

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsiru sondaġġi ta' għadis f'punt A (Tas-Sliema Ferries) u punt B (taħt il-Grand Hotel Excelsior) fil-Port ta' Marsaxmett, kif muri fuq iċ-chart ta' Transport Malta (www.transport. gov.mt).

Is-sondaġġi ta' għadis se jsiru bejn it-Tlieta, 22 u l-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2020.

Is-sondaġġi se jsiru minn għaddasa li se jkunu akkumpanjati mill-bastiment ta' appoġġ Julie Pearl li jtajjar il-bandiera A tas-sinjali tal-kodiċi internazzjonali.

Żona ta' sigurtà ta' 50m madwar il-bastiment ta' appoġġ Julie Pearl għandha tinżamm matul is-sondaġġi.

Is-sidien u l-operaturi ta' bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti u jbaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa fiż-żona indikata hawn fuq. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12.

Chart affettwata: BA 177

It-18 ta' Settembru, 2020

Wine Wharf in Grand Harbour for ferry landing, between Friday, 18th September, 2020 and Friday, 25th September, 2020 (weather permitting) in the area shown hatched on chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The benthic survey will be carried out by ROV which will be operated from land. Scuba divers will also be deployed to take samples and confirm findings, they will be displaying the international code of signals flag A.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution and slow speed, no wake. Instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 are to be complied with.

Chart affected: BA 177

18th September, 2020

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 113 of 2020

Diving Surveys in Il-Port ta' Marsamxett

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that diving surveys will be held at point A (Tas-Sliema Ferries) and point B (below the Grand Hotel Excelsior) in Il-Port ta' Marsamxett, as shown on chart found on the Transport Malta website (www. transport.gov.mt).

The diving surveys will take place between Tuesday, 22nd and Wednesday, 30th September, 2020.

The survey will be carried out by scuba divers and will be accompanied by the support vessel Julie Pearl displaying the international code of signals flag A.

A safety zone of 50m round the support vessel Julie Pearl is to be kept during the surveys.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution and slow speed when navigating in the above indicated area. They are to comply with instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12.

Chart affected: BA 177

18th September, 2020

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Kuntratt għal Servizz

Amministratur ta' KorMalta

Bażi: Kuntratt għal servizz fuq bażi ta' jekk u meta jkun meħtieġ

Tariffa: €9,500 eskl. il-VAT kull sena

Tul ta' żmien: Sena li tiġġedded għal perjodi addizzjonali ta' sena għal massimu ta' tliet (3) snin fid-diskrezzjoni tal-Kunsill Malti għall-Arti.

KorMalta, il-Kor Nazzjonali ta' Malta, huwa inizjattiva tal-Kunsill Malti għall-Arti, fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. KorMalta jimmaniġġja kemm repertorju a cappella kif ukoll wieħed sinfoniku b'baned mużikali. L-entità ttella' madwar sitt (6) kunċerti kull staġun. KorMalta qed jipprovdi wkoll taħriġ professjonali għall-koristi tiegħu b'masterclasses minn tuturi lokali u internazzjonali.

Il-Kunsill Malti għall-Arti qed ifittex li jqabbad fornitur tas-servizz b'esperjenza u entużjażmu sabiex iservi bħala amministratur, jipprovdi servizzi amministrattivi lill-kor, inkluż il-kordinazzjoni tal-provi u tal-kunċerti kif ukoll ix-xogħol anċillari rilevanti kollu.

L-Amministratur iwieġeb għall-President tal-Kumitat Amministrattiv ta' KorMalta f'konformità mal-politika stabbilita mill-President Eżekuttiv ACM.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

Imexxi t-tim permezz ta' laqgħat ta' ġestjoni regolari u twettiq ta' ppjanar tax-xogħol;

Jimmaniġġja b'mod dirett lill-persunal amministrattiv u provvediment ta' appoġġ xieraq lill-ħaddiema indipendenti u lill-kuntratturi;

Jipprepara u jippreżenta rapporti għal-laqgħat tal-kor ta' kull tliet xhur inkluż il-kontijiet ta' ġestjoni, il-fluss tal-flus, aġġornament tat-turs u tal-produzzjonijiet u rapporti oħra kif meħtieġ mill-Bord;

Jirrappreżenta lill-kumpanija f'laqgħat, avvenimenti, riċevimenti, workshops u produzzjonijiet;

Jimmaniġġja l-operat ta' kuljum tal-kumpanija;

THE ARTS COUNCIL MALTA

Contract for Service

KorMalta Administrator

Basis: Contract for service on an if and when needed basis

Fee: €9,500 excl. VAT per annum

Duration: 1 year renewable for further periods of 1 year for a maximum of three (3) years upon the discretion of Arts Council Malta.

KorMalta, Malta's National Choir, is an initiative of Arts Council Malta, within the Ministry for the Local Heritage, the Arts and Local Government. KorMalta handles both a cappella as well as symphonic repertoire with musical ensembles. The entity performs an average of six (6) concerts per season. KorMalta is also providing professional training for its choristers with masterclasses by local and international tutors.

Arts Council Malta is seeking to engage an experienced and enthusiastic service provider to serve as an administrator, to provide administration services to the choir, including the coordination of rehearsals and concerts including all relevant ancillary work.

The Administrator responds to the Chairperson of the Administrative Committee of KorMalta in accordance with the policy established by Exec Chair ACM.

Duties and Responsibilities

Lead the team, undertaking regular management meetings and work planning;

Line manage administrative staff and provide appropriate support to freelancers and contractors;

Prepare and present reports for quarterly board meetings including management accounts, cash flow, touring and production update and other reports as required by the Board;

Represent the company at meetings, events, receptions, workshops and performances;

Manage the day-to-day operation of the company;

Jiżgura li l-Aġenzija għandha l-politiki, il-proċeduri u s-sistemi fis-seħħ sabiex tappoġġja l-ġestjoni effettiva tal-Aġenzija u jiffaċilita x-xogħol tal-persunal;

To ensure that the Agency has the policies, procedures and systems in place to both support effective management of the Agency and facilitate the work of the staff;

Jimmaniġġja l-attivitajiet ta' akkwist kollha inkluż is-sottokuntrattar mill-Entità billi jiżgura li r-rekwiżiti legali u rekwiżiti oħra regolatorji jkunu ssodisfati bis-sħiħ;

To manage all the procurement activities including subcontracting by the Entity ensuring that all legal and other regulatory requirements are fully satisfied;

Jimmaniġġja l-faċilitajiet u s-servizzi kollha tal-Aġenzija;

To manage all facilities and services of the Agency;

Iwaqqaf u jżomm ċentru ta' riżorsi u sistema tal-arkivjar għall-ħażna ta' rekords u dokumenti oħra;

To establish and maintain a resource center and an archiving system for storage of records and other documents;

Jamministra t-twettiq tal-pjan ambjentali;

Lead on delivery of the environmental plan;

Jivvjaġġa, meta jkun meħtieġ, ma' KorMalta u jara li l-amministrazzjoni ta' kuljum tat-tour issir mingħajr xkiel. Jiżgura li l-obbligi tal-produzzjonijiet ikunu ssodisfati u li l-kumpanija tirċievi l-pagamenti wara kull avveniment;

To travel, whenever necessary, with KorMalta and oversee the smooth day-to-day administration of a tour. Ensure that all performance obligations are met and that the company receives payments after each engagement;

Jiżviluppa u jsostni ambjent tax-xogħol kollaborattiv ma' organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi oħra;

To develop and sustain a collaborative working environment with other public cultural organizations;

Jikkomunika ma' uffiċjali anzjani fil-Ministeru sabiex jidentifika u jsolvi problemi reali u potenzjali li jirrigwardaw il-provvista tar-riżorsi;

To Liaise with senior officials within the Ministry to identify and resolve real and potential problems pertaining to the provision of resources;

Flimkien mad-Direttur Artistiku imexxi 'l quddiem l-ippjanar tal-kumpanija kif ukoll l-iżvilupp ta' pjanijiet strateġiċi, inklużi produzzjonijiet, turs domestiċi u internazzjonali, proġetti, parteċipazzjoni u sħubiji;

With the Artistic Director, to lead on company forward planning and development of strategic plans, including productions, domestic and international touring, projects, participation and partnerships;

Imexxi l-firxa, l-aġġornament, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan tan-Negozju, inkluż il-komponenti tal-finanzi, ir-riżorsi umani u s-servizzi tal-uffiċċju, billi jikkonsulta mad-Direttur Artistiku, mal-bord, mal-persunal, mal-partijiet ikkonċernati u s-sħab kif xieraq;

To lead on the roll out, updating, monitoring and evaluation of the Business Plan, including the components of finance, human resources and office services, consulting with The Artistic Director, board, staff, stakeholders and partners as appropriate;

Jiżviluppa u jżomm ir-relazzjonijiet pożittivi u produttivi mal-Kunsill Malti għall-Arti u persuni li jiffinanzjaw oħrajn u mal-partijiet ikkonċernati;

Develop and maintain positive and productive relationships with Arts Council Malta and other funders and stakeholders;

Imexxi l-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' sħubiji lokali, nazzjonali u internazzjonali u opportunitajiet ta' produzzjoni, inklużi l-kummissjonijiet;

Lead on the identification and development of local, national and international partnerships and performance opportunities, including commissions;

Vjaġġar, meta jkun meħtieġ, internazzjonalment flimkien mad-Direttur Artistiku għat-tiftix ta' artisti, postijiet jew festivals.

To travel, whenever necessary, together with the Artistic Director, internationally in search of artists, venues or festivals.

Ħiliet u Kompetenzi

Sad-data tal-għeluq tat-tfigħ tal-applikazzjoni, l-applikanti għandu jkollhom:

Livell MQF 6 ta' edukazzjoni;

Mill-inqas tliet (3) snin ta' esperjenza fix-xogħol rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni ta' kor;

Għarfien dwar ix-xena lokali tal-korijiet;

Rekord tajjeb li jwettqu x-xogħol skont l-iskadenzi;

L-abbiltà li jistabbilixxu u jżommu relazzjonijiet pożittivi ma' varjetà ta' kollaboraturi u partijiet ikkonċernati;

Proficjenza fl-Ingliż u fil-Malti, b'ħiliet ta' komunikazzjoni orali u bil-miktub eċċellenti;

Ħiliet ta' smigħ u interpersonali eċċellenti;

Entusjażmu u motivazzjoni biex iwasslu l-viżjoni ta' KorMalta;

Kapaċi jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll f'tim, u jagħtu attenzjoni għad-dettalji.

Kundizzjonijiet Anormali tas-Servizz

L-abbiltà li jaħdmu taħt pressjoni.

Ħafna mix-xogħol se jsir wara l-ħinijiet tal-uffiċċju normali u l-kandidat għandu jkun flessibbli biex jaħdem fi tmiem il-ġimgħa u filgħaxijiet skont il-provi u l-produzzjonijiet tal-entità.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet, li għandhom jiġu sostnuti mid-dokumentazzjoni neċessarja u jinkludu Curriculum Vitae dettaljat, għandhom jintbagħtu lil (vacancies@artscouncil.mt) sa mhux iktar tard mill-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru, 2020, f'nofshinar.

L-applikanti se jkunu mħallsa mal-preżentazzjoni ta' fattura fiskali valida. Il-fornitur tas-servizzi magħżul se jkun responsabbli għat-tassazzjoni rilevanti u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali kollha kif mitlub mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

It-18 ta' Settembru, 2020

Skills and Competencies

Applicants must, by the closing date of submission of the application, be in possession of:

An MQF Level 6 of education;

A minimum of three (3) years of relevant work experience, particularly in relation to choir management;

Knowledge of the local choir scene;

Track record of delivering according to deadlines;

Ability to establish and maintain positive relationships with a variety of collaborators and stakeholders;

Proficiency in English and Maltese, with excellent oral and written communication skills;

Excellent listening and interpersonal skills;

Enthusiasm and motivation to deliver KorMalta's vision;

Capable of working both independently and within a team, with an attention to detail.

Abnormal Service Conditions

Ability to work under pressure.

Most of the work will be held after normal office hours and the candidate must be flexible to work on weekends and evenings depending on the rehearsals and performances of the entity.

Submission of Applications

Applications, supported by the necessary documentation, which should include a detailed Curriculum Vitae, are to reach (vacancies@artscouncil.mt) by not later than Friday, 2nd October, 2020, at noon.

Applicants will be paid upon presentation of a valid fiscal invoice. The selected service provider will be responsible for all the relevant taxation and social security contributions as requested by national legislation.

18th September, 2020

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Dental Surgery Assistant fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Dental Surgery Assistant fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Is-salarju ta' Dental Surgery Assistant huwa ta' Skala ta' Salarju 13, li fis-sena 2020 huwa ta' €16,985 fis-sena, li jiżdied bi €335.50 fis-sena sa massimu ta' €18,998.

2.3 Persuna fil-grad ta' Dental Surgery Assistant titla' fi Skala ta' Salarju 12 (€18.142 x €354 - €20,266) wara sitt (6) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra tali, u suġġetta għall-kundizzjonijiet u l-obbligi oħra tali li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-Unjin kompetenti.

2.5 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi mhumiex aċċettabbli.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' Dental Surgery Assistant jinkludu li:

i. jgħin lill-Kirurgu Dentali u lill-Iġjenista Dentali waqt varjetà ta' proċeduri ta' trattament inkluż waqt kirurġija orali kemm taħt anestesija lokali kif ukoll anestesija ġenerali (bħala assistent mhux sterili u bħala scrub Dental Surgery Assistant);

ii. jirrekordja u jniżżel il-kura meħtieġa, kif ukoll noti mediċi li jiġu dettati mill-Kirurgu Dentali u l-Iġjenista Dentali;

iii. jagħmel manutenzjoni regolari u manutenzjoni tat-tagħmir dentali u l-dental units kollha u huwa wkoll responsabbli biex jirrapporta kwalunkwe tagħmir difettuż lill-maniġment;

iv. jipprevjeni infezzjoni minn persuna għall-oħra, jipprepara, inaddaf, jiddiżinfetta, jippakkja u jisterilizza strumenti dentali, tagħmir u ż-żona operattiva;

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Dental Surgery Assistant in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health invites applications for the post of Dental Surgery Assistant in the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months .

2.2 The salary for the post of Dental Surgery Assistant is Salary Scale 13, which in the year 2020 is equivalent to, €16,985 per annum, rising by annual increments of €335.50 up to a maximum of €18,998.

2.3 A Dental Surgery Assistant will progress to Scale 12 (€18,142 x €354 - €20,266) on completion of six (6) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

2.5 Lateral applications from public officers are not allowed.

Duties

3.1 The duties of Dental Surgery Assistant include:

i. assists the Dental Surgeon and Dental Hygienist during a variety of treatment procedures including during oral surgery under both local anaesthesia and general anaesthesia (as a non-sterile assistant and as scrub Dental Surgery Assistant);

ii. records and charts necessary treatment, as well as medical notes on dictation from the Dental Surgeon and Dental Hygienist;

iii. regular maintenance and up-keep of all dental equipment and dental units and is also responsible to report any faulty equipment to the management;

iv. prevents of cross infection, prepares, cleans, disinfects, packs and sterilizes dental instruments, equipment, and the operative area;

v. jgħin lill-pazjenti jħossuhom komdi qabel, waqt u wara l-kura dentali. Jipprovdi lill-pazjenti struzzjonijiet għall-kura tal-ħalq wara estrazzjonijiet, kirurġija, restawr u proċeduri ta' iġjene orali;

vi. iwettaq dmirijiet tar-reception li jinkludi skedar ta' appuntamenti, iwieġeb telefonati, iħejji lista ta' pazjenti kliniċi ta' kuljum, jirkupra u jirreġistra l-istorja dentali tal-pazjenti;

vii. jordna provvisti u materjali, biex jiżgura li l-livelli tal-ħażniet ta' materjali u strumenti użati fid-dentistrija jniżammu;

viii. jaħdem fil-Ħdud u fil-festi pubbliċi fiq bażi ta' roster biex jgħin fil-Klinika ta' Emerġenza Dentali fi ħdan id-Dipartiment tal-E&A fl-Isptar Mater Dei;

ix. jieħu kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu, kif jista' jkun meħtieġ;

x. iwettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu billi tagħfas fuq il-buttuna 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' din l-offerta fis-sit (www.landsauthority.org.mt/services/tendering).

Il-ħlas huwa ta' ħamsin ewro (€50) li jitħallas permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet billi tintuża card bankarja.

It-18 ta' Settembru, 2020

*Advertisements appearing for the first time

Tenders should be submitted only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the web page where this tender is available (www.landsauthority.org.mt/services/tendering).

A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using a preferred banking card.

18th September, 2020

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Kwotazzjoni għat-Tifrix ta' Demel ġewwa ċ-Ċentru tar-Riċerka u l-Iżvilupp, l-Għammieri, Malta

Id-Direttorat tal-Agrikultura, fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, se jilqa' kwotazzjonijiet għas-servizz ta' tifrix ta' demel fir-raba' ġewwa l-Għammieri.

Ix-xogħol irid isir b'dan il-mod:

Ix-xogħol se jsir f'żewġ għelieqi b'daqs ta' madwar 13-il tomna u nofs. Il-kuntrattur irid iferrex id-demel b'manure spreader direttament fl-għelieqi fejn ikun intefa' d-demel li jkun inġarr. Kull makkinarju ieħor li għandu bżonn jintuża għandu jinġieb minn min se jagħmel l-offerta. It-tifrix tad-demel irid isir sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2020.

Kull min hu interessat jikkwota sabiex jagħti dan is-servizz huwa mitlub imur jara ġewwa l-Għammieri sa nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2020, mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m. Id-dokument tal-kwotazzjoni għall-għoti ta' dan is-servizz jinġabar mill-uffiċċju tas-Sezzjoni Għajnuna Fuq Riċerka ġewwa l-Għammieri, Il-Marsa.

Il-kwotazzjonijiet għandhom jintefgħu f'envelop issiġillat fil-kaxxa tal-kwotazzjonijiet li tinsab fis-Sezzjoni stess, sa mhux aktar tard mill-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2020.

Kwotazzjonijiet mitfugħa wara din id-data u ħin ma jkunux aċċettati.

It-18 ta' Settembru, 2020

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Kwotazzjoni Numru: AH017/2020

Bejgħ ta' Ostrich mill-Għammieri, Malta

Id-Dipartiment tal-Affarijiet Rurali, fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, ser ikun qiegħed jilqa' offerta għall-bejgħ ta' ostrich raġel mill-Għammieri, Malta.

*1 ostrich raġel (prezz fiss ta' €100.00)

Kull min hu interessat jixtri jista' jara dan l-ostrich billi jagħmel appuntament minn nhar it-Tlieta, 22 ta' Settembru,

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Quotation for the Spreading of Manure at the Research and Development Center, Għammieri, Malta

The Agriculture Directorate within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights is to issue the Quotation for the Spreading of Manure at the Government Farm, Għammieri, Malta.

The relevant work shall be carried out as follows:

The unloaded manure must be spread by a manure spreader in two specific fields, of approximately 13.5 tumoli. All equipment needed is to be provided by the person offering this service. Spreading of manure must be carried out by not later than Wednesday, 30th September, 2020.

The work in question can be seen at Għammieri Government Farm till Wednesday, 23rd September, 2020, from 9.00 a.m. till 11.00 a.m. Relevant documents may be obtained free of charge from the Research Support Unit, at the National Research and Development Centre, Government Farm, Għammieri l/o Ħal Qormi, Malta, on any working day from 9.00 a.m. till 11.00 a.m. till closing date.

Quotations must reach the office in a sealed envelope in the quotation box found in the same Section, by not later than 11.00 a.m. of Wednesday, 23rd September, 2020.

Late submisions are not to be accepted.

18th September, 2020

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Quotation Number: AH017/2020

Sale of an Ostrich from the Government Farm at Għammieri, Malta

The Rural Affairs Department within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights is accepting bids for the sale of a male ostrich from the Government Farm at Ghammieri Malta.

*1 male ostrich at a fixed price of €100.00

Interested parties can view the above-mentioned animal by appointment from Tuesday, 22nd September, 2020,

2020, mit-8.00 a.m. u l-11.00 a.m., billi jċempel fuq in-numru 2292 4184 jew 2292 4121. L-ostrich se jinbiegħ abbażi ta' first-come-first-served.

Ix-xerrejja jistgħu jieħdu dan l-annimal ladarba jsir il-ħlas.

Arranġamenti bil-quddiem biex jintrefa' l-ostrich mhux se jiġu aċċettati.

Minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, il-ħlas jista' jsir biss permezz ta' cheque.

It-18 ta' Settembru, 2020

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

Id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, jgħarraf li:

Espressjonijiet ta' Interess se jintlaqgħu biss permezz ta' ittra elettronika lil (procurement.mfea@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ħamis, 1 ta' Ottubru, 2020, għal:

Kwot. Nru. CFQ 066/2020. Bejgħ ta' erba' (4) vetturi tale quale fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.

Kopja elettronika tad-dokument flimkien mal-formoli tas-sottomissjoni u kundizzjonijiet relattivi jistgħu jitniżżlu mingħajr ħlas mis-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (www.foreignaffairs.gov.mt/tenders).

It-18 ta' Settembru, 2020

KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jgħarraf li MGRM (VO/0039) qiegħda tħabbar pubblikazzjoni għal sejħa għall-VOPS 57/2020: Safe and Seen.

Tagħlaq: Nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru, 2020

Informazzjoni: Dokumentarju bil-lingwa Ingliża ta' madwar 30 minuta li fih jintwerew l-esperjenzi ta' immigranti li jidentifikaw bħala LGBT+ li jgħixu Malta. L-għan ta' dan id-dokumentarju hu li nuru l-esperjenzi u l-problemi li dawn l-individwi jaffaċċjaw matul ħajjithom imma nuru wkoll il-ħolm tagħhom għall-futur. Dan id-dokumentarju se jintwera online u l-udjenza hija l-pubbliku ġenerali.

Għal iktar informazzjoni wieħed jista' jżur is-sit u/jew il-paġna ta' Facebook tal-MGRM-Malta LGBTIQ Rights Movement.

between 8.00 a.m and 11.00 a.m., by calling 2292 4184/2292 4121. This animal will be sold on a first-come-first-served basis.

Only upon full payment can this animal be taken by buyers.

Additionally, no pre-bookings will be accepted in advance for the above-mentioned animal.

Payments will only be accepted by cheque due to the current Covid-19 pandemic.

18th September, 2020

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS

The Director Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs, notifies that:

Expressions of Interest will be received by email only on (procurement.mfea@gov.mt) by not later than noon of Thursday, 1st October, 2020, for:

Quot. No. CFQ 066/2020. Sale of four (4) tale quale vehicles at the Ministry for Foreign and European Affairs.

An electronic copy of the document, including the submission forms and relative conditions, can be downloaded free of charge from the website of the Ministry for Foreign and European Affairs (www.foreignandeu.gov.mt/tenders).

18th September, 2020

MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

The Malta Council for the Voluntary Sector notifies that the MGRM (VO/0039) is requesting call for VOPS 57/2020: Safe and Seen.

Deadline: On Tuesday, 29th September, 2020

Information: A video documentary in English, around 30 minutes long, featuring the experiences of LGBT+ migrants living in Malta. The aim of this documentary is to showcase different experiences and struggles that these individuals face throughout their life but also to give light to their future dreams. The clip will be shared online. Target audience is the general public.

For more information one may visit the MGRM-Malta LGBTIQ Rights Movement Website and/or Facebook.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz taI-Voluntary Organisations Project Scheme amministrat mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-xogħol.

It-18 ta' Settembru, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1609U20 Medicinals, 1609U20 Devices jintlaqgħu sal-11.00 a.m. tat-Tlieta, 22 ta' Settembru, 2020.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-18 ta' Settembru, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru, 2020. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-0996/20. Sodium tetradecyl sulphate injections
CFT 021-0997/20. Hydrocortisone 100mg injections
CFT 021-0998/20. Supply of Ethosuximide capsules
CFT 021-0999/20. Provvista ta' Zonisamide 100mg capsules
CFT 020-1000/20. Bipolar connecting cables
CFT 021-1001/20. Verapamil Hydrochloride 40mg Tablets
CFT 009-1002/20. Provvista ta' copper pipes and accessories
CFT 021-1003/20. Amoxicillin and Clavulanic acid oral suspension
CFT 020-1004/20. Consumables for DVT compression therapy system
CFT 020-1005/20. Consumables for power inector Ulrich Tennessee in MRI
CFT 021-1006/20. Provvista ta' Methotraxate 50mg Injections
CFT 021-1008/20. Cabergoline 0.5mg tablets
CFT 021-1009/20. Methylprednisolone (as sodium succinate or hemisuccinate/hydrogen succinate) 500mg Injection

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme managed by the Malta Council for the Voluntary Sector on behalf of Parliamentary Secretary for Youth, Sports and Voluntary Organisations within the Ministry for Education and Employment.

18th September, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference No. 1609U20 Medicinals, 1609U20 Devices will be received up to 11.00 a.m. on Tuesday, 22nd September, 2020.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

18th September, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 9th October, 2020. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-0996/20. Sodium tetradecyl sulphate injections
CFT 021-0997/20. Hydrocortisone 100mg injections
CFT 021-0998/20. Supply of Ethosuximide capsules
CFT 021-0999/20. Supply of Zonisamide 100mg capsules
CFT 020-1000/20. Bipolar connecting cables
CFT 021-1001/20. Verapamil Hydrochloride 40mg Tablets
CFT 009-1002/20. Supply of copper pipes and accessories
CFT 021-1003/20. Amoxicillin and Clavulanic acid oral suspension
CFT 020-1004/20. Consumables for DVT compression therapy system
CFT 020-1005/20. Consumables for power inector Ulrich Tennessee in MRI
CFT 021-1006/20. Supply of Methotraxate 50mg Injections
CFT 021-1008/20. Cabergoline 0.5mg tablets
CFT 021-1009/20. Methylprednisolone (as sodium succinate or hemisuccinate/hydrogen succinate) 500mg Injection

CFT 020-1010/20. 0.016" guidewires
CFT 020-1011/20. One piece cut to fit convex drainable pouches
CFT 021-1012/20. Glucagon 1mg injections

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 15 ta' Ottubru, 2020. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 009-1007/20. Provvista u installazzjoni ta' air handling units (AHUs) għat-Teatri tal-Operazzjonijiet fl-Isptar Mater Dei.

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-18 ta' Settembru, 2020

KUNSILL LOKALI ĦAL QORMI

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ħal Qormi sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru, 2020, għal:

Kostruzzjoni tal-Ġnien Ġużè Galea f'Ta' Farżina H.E.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Din l-offerta hija ffinanzjata mill-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar.

It-18 ta' Settembru, 2020

CFT 020-1010/20. 0.016" guidewires
CFT 020-1011/20. One piece cut to fit convex drainable pouches
CFT 021-1012/20. Glucagon 1mg injections

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. of Thursday, 15th October, 2020. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 009-1007/20. Supply and installation of air handling units (AHUs) for Operating Theatres at Mater Dei Hospital.

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

18th September, 2020

ĦAL QORMI LOCAL COUNCIL

The Ħal Qormi Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Qormi Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Monday, 19th October, 2020, for:

Construction of Ġużè Galea Garden at Ta' Farżina H.E.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

This tender is financed by the Ministry for the Environment, Climate Change and Planning.

18th September, 2020

KUNSILL LOKALI GĦAJNSIELEM

Il-Kunsill Lokali Għajnsielem jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Għajnsielem sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020, għal:

Avviż Nru. GĦJN 03/2020. Provvista u installazzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni li ma tagħmilx ħsara 'l-ambjent f' Ta' Passi, Għajnsielem (ħruġ mill-ġdid).

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

It-18 ta' Settembru, 2020

KUNSILL LOKALI S-SIĠĠIEWI

Il-Kunsill Lokali s-Siġġiewi jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali s-Siġġiewi permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2020, għal:

Avviż Nru. LCS 7/19. Tindif u ftuħ u għeluq ta' latrini pubbliċi fil-lokalità tas-Siġġiewi bl-użu ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' Settembru, 2020

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Sejħa Pubblika għal Espressjoni ta' Interess

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li:

Sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Ottubru, 2020, fil-kaxxa tal-offerti tal-Kunsill jintlaqgħu espressjonijiet ta' interess (EOI) magħluqin għal:

STVLC-EOI-01-20 – Kiri ta' Fond.

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

The Għajnsielem Local Council notifies that:

Tenders will be received by Għajnsielem Local Council, till 9.30 a.m. on Tuesday, 6th October, 2020, for:

Advt No. GHJN 03/2020. Supply and installation of an environmentally friendly irrigation system at Ta' Passi, Għajnsielem (re-issue).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-procurement website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

18th September, 2020

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

The Siġġiewi Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Siġġiewi Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Monday, 12th October, 2020, for:

Advt. No. LCS 7/19. Cleaning and opening and closing of public conveniences in the locality of Siġġiewi using environmentally friendly products.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

18th September, 2020

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

Public Call for Expression of Interest

The Santa Venera Local Council notifies that:

Sealed Expression of Interests (EOI) will be received at the Council's Administrative Offices up to 9.30 a.m. of Tuesday, 20th October, 2020, for:

STVLC-EOI-01-20 – Lease of Premises

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) u mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m. (is-Sibt).

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' Settembru, 2020

KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

Il-Kunsill Lokali San Ġwann jgħarraf li:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali San Ġwann permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru, 2020, għal:

Avviż Nru. SGN – CUMPGSA 02/20. Tindif, żamma u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u soft areas f'San Ġwann bita' prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' Settembru, 2020

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Birkirkara, permezz tal-ePPS, sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2020, għal:

Avviż Nru. BLC/01/2020. Servizzi ortikulturali u manutenzjoni ta' żoni pubbliċi bl-użu ta' prodotti u tagħmir li jirrispettaw l-ambjent għal-lokalità ta' Birkirkara.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' Settembru, 2020

Relevant documents may be collected from the Council's Administrative Office, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, during office hours (Mon – Fri: from 8.00 a.m. till 1.00 p.m.; Saturday from 8.00 a.m. till 10.00 a.m.).

The Council reserves the right to refuse any offer (EOI), even the most advantageous one.

18th September, 2020

SAN ĠWANN LOCAL COUNCIL

The San Ġwann Local Council notifies that:

Tenders will be received at the San Ġwann Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Monday, 19th October, 2020, for:

Advt No. SGN – CUMPGSA 02/20. Cleaning, upkeep and maintenance of public gardens and soft areas in San Ġwann using environmentally friendly practices.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

18th September, 2020

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Birkirkara Local Council through ePPS, up to noon on Wednesday, 30th September, 2020, for:

Advt No. BLC/01/2020. Horticultural services and upkeeping of public areas using environmentally friendly products and equipment for the locality of Birkirkara.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

18th September, 2020

KUNSILL LOKALI L-FONTANA

Il-Kunsill Lokali l-Fontana jgħarraf illi:

Offerti elettroniċi jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Fontana sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2020, għal:

Avviż Nru. FLC/05/2020. Offerta ta' xogħlijiet għaltħafir ta' trinek u bdil ta' house connections – Triq il-Għajn, il-Fontana.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' Settembru, 2020

FONTANA LOCAL COUNCIL

The Fontana Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Fontana Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Tuesday, 13th October, 2020, for:

Advt No. FLC/05/2020. Works tender for the excavation of trenches and replacement of house connections – Triq il-Għajn, Fontana.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

18th September, 2020

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1212

ARB/C032/2020 – IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Settembru, 2020, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni numru 235/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Claire Borg)

Kontra

EDWIN ZAMMIT, pulizija, ta' 34 sena, bin Saviour u Giovanna xebba Grixti, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-3 ta' Lulju, 1986, residenti ġewwa 15, Springfield, Triq il-Bżulija, Birżebbuġa, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 304286M.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' EDWIN ZAMMIT u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà

ARB/C032/2020 – NEW FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th September, 2020, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation number 235/2020 in the case:

The Police
(Inspector Claire Borg)

Versus

EDWIN ZAMMIT, police officer, 34 years, son of Saviour and Giovanna née Grixti, born in Tal-Pietà, Malta, on the 3rd July, 1986, residing at 15, Springfield, Triq il-Bżulija, Birżebbuġa and holder of Maltese identity card number 304286M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due to or pertaining or belonging to EDWIN ZAMMIT and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any

mobbli jew immobbli sal-limitu ta' disat elef, tmien mija u sittin ewro (€9,860) u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 16 ta' Settembru, 2020

ID-DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

movable or immovable property up to a limit of nine thousand, eight hundred and sixty euro (€9,860) and this according to Section 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 5and Section 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 16th September, 2020

THE DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1213

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Abdul Naser Al Hendi (KI 406596M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 130/2020JPG) fejn talab il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Sophie Vella bin-numru 2319/2007 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 15 ta' Settembru, 2020

LORRAINE DALLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Abdul Naser Al Hendi (ID 406596M) filed an application under oath (No. 130/2020JPG) demanding corrections in the Act of Birth of Sophie Vella number 2319/2007 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, this 15th September, 2020

LORRAINE DALLI
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1214

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-26 ta' Ġunju 2020, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Mizzi Carmel vs Mizzi Joan, Rikors fil-Medjazzjoni Numru 6/2020/2

By means of a decree given by the Civil Court (Family Section) on the 26th June, 2020, in the records of the Application in the names Mizzi Carmel vs Mizzi Joan,

JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Joan Mizzi, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fil-Medjazzjoni Numru 6/2020/2, fl-ismijiet Mizzi Carmel vs Mizzi Joan, fis-7 ta' Jannar, 2020, ir-rikorrenti Carmel Mizzi (KI 409570M) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti ma għandux jgħaddi ħlas ta' manteniment fix-xahar dovut lit-tifel Glenn u lanqas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni stante li l-istess tifel ma huwiex jistudja fuq bażi full-time u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Ir-Rikors fil-Medjazzjoni Numru 6/2020 /2 JPG jinsab differit għas-smigħ għat-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020, fid-9.30 a.m.

Notifika intimata: 193, White Oaks, Triq tal-Qattus, Is-Swatar, Birkirkara BKR 4400

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 15 ta' Settembru, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Application in the Mediation Number 6/2020/2 JPG, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Joan Mizzi, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application presented in the Civil Court (Family Section) in the Mediation Number 6/2020/2, in the names Mizzi Carmel vs Mizzi Joan, on the 7th January, 2020, the applicant Carmel Mizzi (ID 409570M) asked this Honourable Court:

1. To declare and decide that the applicant is not to pay maintenance monthly due for the boy Glen and nor one half of the health and educational expenses since the same boy is not studying on a full-time basis and uphold the other demands in the application.

The Application in the Mediation Number 6/2020/2 JPG has been put off for hearing to Tuesday, 6th October, 2020, at 9.30 a.m.

Notify respondent: 193, White Oaks, Triq tal-Qattus, Swatar, Birkirkara BKR 4400

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 15th September, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1215

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-7 ta' Lulju, 2020, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C 2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta,13 ta' Ottubru, 2020, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-flat internament immarkat bin-numru wieħed (1) li jinsab fit-tieni sular (first floor level) u li jinsab fuq ix-xellug meta tħares lejn il-faċċata tal-blokk mit-triq, liema flat jifforma parti minn blokk ta' bini mingħajr numru, bl-isem 'Dajenu Apartments', fi Triq Mikiel Calleja, li tagħti għal Triq San Tumas, Ħal Tarxien, liema blokk ta' bini fl-intier tiegħu ġie mibni fuq tliet plots formanti parti mill-artijiet u magħrufa bħala 'Ta' Zilfa', liema blokk jikkonfina mill-Punent mal-imsemmija triq u mill-irjieħ l-oħra ma' proprjetaà ta' L. Spiteri and Sons Contractors Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu, inkluż ukoll prorata il-partijiet komuni l-entrata, indana, taraġ, tromba tat-taraġ, pjanijiet, sistema tad-drains u drenaġġ, lift, xafts, rampa u drive-in tal-kumpless tal-garaxxijiet, dawl fil-partijiet komuni u l-partijiet u servizzi kollha komuni tal-blokka bini li huma intiżi għall-użu komuni tas-sidien tal-flats u garaxxijiet tal-

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 7th July, 2020, on the application of Bank of Valletta plc (C 2833), Tuesday, 13th October, 2020, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, near the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Valletta, of the following property.

The flat internally numbered one (1) situated on the second floor, being the flat on the left-hand side when facing the block from the street, which flat forms part of an unnumbered block of buildings named 'Dajenu Apartments' , in Triq Mikiel Calleja, abutting onto Triq San Tumas, Ħal Tarxien, which entire block has been built upon three (3) plots forming part of the lands known as 'Ta' Zilfa', which block is bound from the West by the said street, and from all other compass point by property of L. Spiteri and Sons Contractors Limited or its successors in title, including pro rata of common parts, entrance, entrance hall, staircase, stairwell, landings, drains and drainage system, lift, shafts, ramp and drive in of the garage complex, lighting in the common parts and in general of all parts and services of the block which are destined for the common use and for the common utility by the owners of the flats and garages in

blokk, però eskluż il-bejt u l-arja sovrastanti l-imsemmi blokk li mhumiex parti mill-partijiet komuni, stmat li jiswa mija u tlieta u tmenin elf ewro (€183,000).

U

Il-basement garage, internament immarkat bin-numru tmienja (8) liema garaxx huwa aċċessibbli mir-rampa komuni u mid-drive-in li jagħtu għal Triq Mikiel Calleja li tagħti għal Triq San Tumas, liema basement garaxx jifforma parti minn blokk ta' bini mingħajr numru, bl-isem 'Dajenu Apartments' fi Triq Mikiel Calleja li tagħti għal Triq San Tumas, Ħal Tarxien, liema blokk ta' bini fl-intier tiegħu ġie mibni fuq tliet plots formanti parti mill-artijiet magħrufa bħala 'Ta' Zilfa', liema blokk jikkonfina mill-Punent mal-imsemmija triq, mill-irjieħ l-oħra ma' proprjetà ta' L. Spiteri and Sons Contractors Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu. Il-garaxx jikkonfina mit-Tramuntana mal-imsemmija triq u mill-irjieħ l-oħra ma' proprjetà ta' L. Spiteri and Sons Contractors Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu stmat li jiswa sebgħa u għoxrin elf ewro (€27,000).

Il-flat u l-garaxx huma liberi u battala, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Scerri Raymond (KI 605960M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 53/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the block, excluding the roof and the airspace overlying the block which are not a common part valued at one hundred and eighty-three thousand euro (€183,000).

And

Basement level garage, internally numbered eight (8), which garage is accessible from common ramp and drive-in, in Triq Mikiel Calleja, abutting onto Triq San Tumas, Ħal Tarxien, the basement garage forms part of an unnumbered block of buildings named 'Dajenu Apartments', which entire block has been built upon three (3) plots forming part of the lands known as 'Ta' Zilfa', which block is bound from the West by the said street, and from all other compass point by property of L. Spiteri and Sons Contractors Limited or its successors in title or more correct boundaries. The garage is bounded on North with the said street and from all other compass point by property of L. Spiteri and Sons Contractors Limited or its successors in title, valued at twenty-seven thousand euro (€27,000).

The apartment and the basement garage are free and vacant, with all its rights and appurtenances.

The said tenement is the property of Scerri Raymond (ID 605960M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 53/2016.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 14th September, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1216

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-erbgħa (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja, Digriet numru 95/1982, ġie ordnat illi Mario Enriquez, pensjonant, bint il-mejtin Carmel Enriquez u Mary née Mizzi, imwieled u residenti r-Rabat Għawdex (karta tal-identità numru 33761G), ġie maħtur bħala kuratur ta' ħutu interdetti John Enriquez, diżokkupat, bin il-mejtin Carmel Enriquez u Mary née Mizzi, imwieled ir-Rabat, Għawdex, u residenti r-Rabat Għawdex, (karta tal-identità numru 97645G) u Melania Enriquez, diżokkupata, bint il-mejtin Carmel Enriquez u Mary née Mizzi, imwielda r-Rabat, Għawdex, u residenti r-Rabat, Għawdex, (karta tal-identità numru 8553G). Mario Enriquez ġie nominat kuratur in sostituzzjoni tal-kuratriċi preċedenti Mary Enriquez, pensjonanta, mart il-mejjet Carmel Enriquez, bint il-mejtin Emanuel Mizzi u Michelina née Scerri, imwielda u residenti r-Rabat, Għawdex.

IT is hereby notified that in virtue of a decree dated 4th of September 2020 given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, Decree number 95/1982 , the Court has ordered that Mario Enriquez, pensioner, son of the late Carmel Enriquez and Mary née Mizzi, born and resides in Victoria, Gozo (identity card number 33761G), has been nominated as curator of his interdicted siblings John Enriquez, unemployed, son of the late Carmel Enriquez and Mary née Mizzi, born in Victoria, Gozo, and resides in Victoria, Gozo, (identity card number 97645G) and Melania Enriquez, unemployed, son of the late Carmel Enriquez and Mary née Mizzi, born in Victoria, Gozo, and resides in Victoria, Gozo, (identity card number 8553G) and this in substitution of the precedent curator Mary Enriquez, pensioner, wife of the late Carmel Enriquez, daughter of the late Emanuel Mizzi and Michelina née Scerri, born and resides in Victoria, Gozo.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 16 ta' Settembru, 2020

DORIANNE CORDINA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo)

Volontary Jurisdiction

Today 16th September, 2020

DORIANNE CORDINA
For Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1217

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, minn din il-Qorti (GCD) fl-20 ta' Awwissu, 2020, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni, fl-ismijiet Cini Angelo et vs Farrugia Maria Concetta, Rikors numru 979/2020 GCD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Concetta Farrugia, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim Awla tal-Qorti, fl-ismijiet (Rikorrent) Angelo Cini, pensjonant, bin John Cini u Francesca née Bondin, imwieled iż-Żejtun u residenti l-Fgura (KI 343746M) u Maria sive Grace Cini, mara tad-dar, bint Giuseppe Farrugia u Maria Concetta née Vella, imwielda Raħal Ġdid u residenti l-Fgura (KI 303553M) vs (Intimat) Maria Concetta Farrugia, mara tad-dar, bint Giuseppe Vella u Michelina née Degiorgio, imwielda Bormla u residenti Ħal Tarxien (KI 653329M), fit-30 ta' Lulju, 2020, ir-rikorrenti Angelo Cini (KI 343746M) u Maria sive Grace Cini (KI 303553M) esponew bil-qima,

Illi ir-rikorrenti sabiex jikkawtelaw l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tordna il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbigħ, ineħħi, jittrasferixxi, jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu kull proprejtà u b'mod partikolari:

1. Il-gnien tal-kejl ta' ċirka mitejn u tmienja u tmenin metru kwadri (288m.k.) aċċessibbli minn passaġġ fit-tieni sular minn residenza uffiċjalment numerata 33 bl-isem 'First May', Triq San Tumas, Il-Fgura, inkluż iż-żewġ (2) kmamar formanti parti mill-istess ġnien;

2. Il-garaxx uffiċjalment immarkat bin-numru wieħed u tletin (31) denominat 'St Joseph' sitwat fi triq San Tumas, fil-Fgura;

3. Il-ħanut uffiċjalment immarkat numru wieħed u tletin (21) sitwat fi Triq A. M. Valperga fil-Fgura;

4. Il-ħanut uffiċjalment immarkat bin-numru tlieta u għoxrin (23) sitwat fi Triq A. M. Valperga, fil-Fgura;

By means of a decree given, by the Civil Court First Hall, by this Court (GCD) on the 20th August, 2020, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction, in the names Cini Angelo et vs Farrugia Maria Concetta, Application number 979/2020 GCD, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Maria Concetta Farrugia, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Angelo Cni, pensioner, son of John Cini and Francesca née Bondin, born in Żejtun and residing in Fgura (ID 343746M) and Maria sive Grace Cini, housewife, daughter of Giuseppe Farrugia and Maria Concetta née Vella, born in Paola and residing in Fgura (ID 303553M) vs (Respondent) Maria Concetta Farrugia, housewife, daughter of Giuseppe Vella and Michelina née Degiorgio, born in Bormla and residing Ħal Tarxien (ID 653329(M), on the 30th July, 2020, the applicant Angelo Cini (ID 343746M) and Maria sive Grace Cini (ID 303553M) respectfully pleaded,

That the applicants in order to safeguard the credit hereunder mentioned against the respondent humbly pray this Honourable Court to order the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent in order to be witheld, from selling, alienating, transferring or disposing both inter vivos both by onerous or gratuitous title any property and in particular:

1. The garden of the area of circa two hundred and eight eight square metres (288m.k.) accessible from a passage in the second floor from a residence officially number 33, with the name 'First May'ġ Triq San Tumas, Fgura, including the two (2) rooms forming part of the same garden;

2. the garage officially marked with number thirty one (31) called 'St Joseph' situated in triq San Tumas, in Fgura;

3. the shop officially marked number twenty one (21) situated in Triq A. M. Valperga, in Fgura;

4. the shop officially marked with number twenty three (23) situated in Triq A. M. Valperga, in Fgura;

5. Il-kantina bin-numru uffiċjali sebgħa (7) denominata 'Concetta', sottoposta għal beni ta' terzi fi Triq San Dwardu, il-Birgu;

6.It-terran uffiċjalment immarkat bin-numru disgħa u għoxrin (29) sitwat fi Triq il-Kuncizzjoni, Bormla;

7. Tliet kwarti (3/4) indiviżi tal-garaxx bin-numru uffiċjali sebgħa u sebgħin (77) denominat 'Charles' fi Triq Ċensu Busuttil fil-Fgura;

8. Terz (1/3) indiviż taż-żewġ (2) proprjetajiet imissu ma' xulxin immarkati bin-numri tnax (12) u sittax (16) it-tnejn denominati 'Tulip' fi Triq Karmelitani, il-Fgura, inkluż l-arja tagħhom,

